Konsultazzjoni Pubblika dwar it-tibdil meħtieġ fil-

# Kostituzzjoni ta' Malta

proposti ta' Alternattiva Demokratika

**30 ta' Ottubru 2019**

# Werrej


| | |
|---|---|
| 01. Daħla | 3 |
| 02. Demokrazija parlamentari | 4 |
| 03. Il-Bidla meħtieġa | 5 |
| 04. Il-Proċess konsultattiv | 6 |
| 05. Ir-Rwol tas-soċjetà ċivili | 7 |
| 06. Is-Sistema elettorali | 8 |
| 07. Bilanċ bejn il-ġeneri fis-sistema elettorali | 10 |
| 08. Parlament awto-regolat | 12 |
| 09. Parlament full-time | 12 |
| 10. Il-Poteri f'idejn il-Parlament | 13 |
| 11. Il-Korpi Kostituzzjonali | 14 |
| 12. Il-President tar-Repubblika: ħatra u responsabbiltajiet | 15 |
| 13. Il-Kummissjoni Elettorali | 18 |
| 14. Il-Konfini tad-distretti elettorali | 19 |
| 15. Votazzjoni fl-Ambaxxati | 19 |
| 16. Is-Servizz Pubbliku | 20 |
| 17. Is-Saltna tad-dritt u l-ħatriet | 21 |
| 18. Il-Ħatriet politiċi fis-settur pubbliku (*positions of trust*) | 24 |
| 19. Ix-Xandir | 25 |
| 20. Ir-Reliġjon fil-Kostituzzjoni | 27 |
| 21. Is-Sussidjarjetà | 28 |
| 22. Il-Ħatra tal-ġudikatura | 30 |
| 23. In-Newtralità fil-Kostituzzjoni | 31 |
| 24. Drittijiet diġitali | 31 |
| 25. L-Ombudsman u l-Awditur Ġenerali | 32 |
| 26. Referendum : Propożittiv u Abrogattiv | 33 |
| 27. Il-Linji gwida tal-Kostituzzjoni | 34 |
| 28. Referendum li jikkonferma | 35 |
| 29. Konklużjoni | 36 |
| | |
| Appendiċi 1: Ġabra tal-proposti | 37 |

## 01. Daħla

Il-Kostituzzjoni ta' Malta hi dokument ħaj li għandu jirrifletti l-valuri u l-aspirazzjonijiet tal-poplu Malti. Hi dokument politiku tal-ikbar importanza, mfassal bħala l-ogħla liġi tal-pajjiż. Fi kliem sempliċi, għalhekk, il-Kostituzzjoni titkellem dwar kif irridu li l-pajjiż tagħna jitmexxa: mhux biss fuq il-prinċipji li għandhom jiggwidaw lil min imexxieh f'isimna, imma ukoll fejn irridu li pajjiżna jitwassal.

Għax hi document ħaj, minn żmien għal żmien għandna nagħtuha titwila sew biex inħarsu għal darb'oħra lejn l-irtokki u t-tibdil ta' matul is-snin u nagħtu titwila sew lejn il-Kostituzzjoni sħiħa.

Hawn min iqis li l-Kostituzzjoni ta' Malta hi tajba kif inhi, u li għaldaqstant jaħseb li kull ma hu meħtieġ huma xi ftit irtokki 'l hawn u 'l hemm. Kien ikun sewwa kienu din kienet is-sitwazzjoni. Imma sfortunatament l-affarijiet huma ferm differenti minn hekk.

Ilkoll nafu li l-Kostituzzjoni ma titħaddimx biss minn persuni ta' rieda tajba. Nistgħu ngħidu li r-rieda tajba, forsi xi ftit iktar minn kultant, tkun skarsa f'dawk li jmexxu u f'dawk li niddependu fuqhom għat-tħaddim tal-Kostituzzjoni. Ħafna drabi dawn ifittxu t-toqob minn fejn jgħaddu biex ikunu jistgħu jaħarbu mill-kontrolli u l-aspettattivi kostituzzjonali u jagħmlu ħilithom biex jevitaw milli jwettqu dmirhom.

Ilkoll nixtiequ li dan ma kienx hekk, imma l-esperjenzi tagħna lkoll, kontinwament, juru mod ieħor. Huma esperjenzi li l-ħin kollu juru li hemm ħtieġa illi l-Kostituzzjoni tkun ħafna iktar ċara milli hi illum biex min-naħa waħda tilqa' iktar għal kontra l-abbużi u min-naħa l-oħra tonqos il-possibilità tal-misinterpretazzjoni tagħha.

Malta qed tinbidel u jeħtieġ li l-Kostituzzjoni tagħna tirrifletti din il-bidla. Hu meħtieġ li l-Kostituzzjoni illum tirrifletti l-valuri ta' Malta tal-lum, u mhux ta' Malta tal-bieraħ. Il-bieraħ għadda u mar u illum hu jum ġdid.

Jibqa' imma fatt innegabbli li nibdlu kemm nibdlu fil-Kostituzzjoni, anke jekk saħansitra ssir waħda ġdida għal kollox, fl-aħħar, dejjem se niddependu minn dawk li jħaddmuha, u għalhekk fuq dawk li jintgħażlu biex imexxu l-pajjiż bħala riżultat tal-proċess demokratiku. Proċess elettorali sigur li jħares l-ilħna u l-veduti kollha fil-pajjiż hu għaldaqstant fundamentali għax minnu nnifsu huwa l-isħaħ garanzija għall-ħarisen tal-Kostituzzjoni.

Dan ma jgħoddx għalina biss, imma għal kull pajjiż li jirrispetta lilu nifsu. Huwa għalhekk li hu dejjem iktar meħtieġ li l-poteri kostituzzjonali jkunu mifruxa u mhux fi ftit idejn. Fejn dan iseħħ b'mod adegwat joħloq kontro-bilanċ bejn il-poteri differenti u allura jnaqqas il-possibilità li l-abbuż u d-diffikultajiet li jinqalgħu minn żmien għal żmien jikbru u jitwalu iżżejjed bi ħsara għall-pajjiż kollu.

F'dan id-dokument nitkellmu dwar il-proposti ta' Alternattiva Demokratika għal tibdil kostituzzjonali llum. Il-proposti huma mfissra f'livell ta' dettall li jvarja. Fl-aħħar ta' kull taqsima hemm rikapitulazzjoni tal-proposti fil-qosor. Il-proposti huma mbagħad miġbura kollha flimkien f'appendiċi għal dan id-dokument.

## 02. Demokrazija parlamentari

Tul is-snin Alternattiva Demokratika tkellmet dwar diversi aspetti tal-Kostituzzjoni li jeħtieġ li jkunu ikkunsidrati mill-ġdid, inkella li hemm bżonn li jiżdiedu ma dak li tipprovdi l-Kostituzzjoni attwali. Dan jeħtieġ li jsir mhux biss fid-dawl tal-esperjenzi tal-pajjiż tul is-snin imma ukoll għax il-pajjiż għaddej minn metamorfosi kontinwa.

Ewlenija fost dawn l-esperjenzi hemm ir-rwol sekondarju li fih, tul is-snin, ġie mqiegħed il-Parlament fil-konfront tal-Kabinett. Ma' dan trid iżżid ukoll id-drawwa tal-Parlament li kontinwament jgħaddi poteri sostanzjali lill-Kabinett, kif ukoll lill-Ministri individwali mingħajr l-iċken sorveljanza, inkella b'sorveljanza irriżorja. Hemm ukoll il-korpi regolatorji li l-persuni li jmexxuhom mhux biss jinħatru, ġeneralment, mingħajr referenza lill-Parlament, imma li wkoll, b'mod konsistenti ftit li xejn isir skrutinju tagħhom, la qabel ma jinħatru u wisq inqas wara.

Din kienet is-sitwazzjoni sal-emendi riċenti għall-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika[1] liema emendi ħolqu l-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi[2] biex permezz tal-ħidma tiegħu ikunu skrutinati mill-Parlament xi ħatriet politiċi li jsiru minn żmien għal żmien. Minn dak li rajna s'issa[3] l-iskrutinju li qiegħed isir, fil-fehma ta' Alternattiva Demokratika, hu wieħed superfiċjali ħafna, lil'hinn minn dak li hu mistenni.

Ir-rapport riċenti tal-Kummissjoni Venezja[4] tal-Kunsill tal-Ewropa, li fost affarijiet oħra jiffoka fuq is-saltna tad-dritt, l-indipendenza tal-ġudikatura u tal-korpi bl-inkarigu li jinfurzaw il-liġi, jiftaħ id-diskussjoni beraħ dwar kif għandhom isiru dawn il-ħatriet u dwar jekk il-Gvern u/jew il-Parlament għandux fil-fatt ikollhom xi rwol f'dan il-proċess.

Fil-fehma ta' Alternattiva Demokratika mhux aċċettabbli li l-Parlament jibqa' jagħti *blank cheque* lill-Kabinett, lill-Ministri u lill-awtoritajiet regolatorji. Il-Parlament għandu jżomm il-kontroll effettiv f'idejh: huwa l-Parlament li għandu jmexxi u mhux il-Kabinett għax, kif iħobbu

[1] Att II tal-2018 : Att sabiex jemenda l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika Kap 497.

[2] Magħmul minn 7 membri Parlamentari, skond l-artiklu 48A (1) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, kif emendat. KAP 497

[3] Fil-website tal-Parliament hemm referenza għal tmien laqgħat li saru bejn l-20 ta' Marzu 2018 u t-22 ta' Jannar 2019. https://www.parlament.mt/en/13th-leg/public-appointments-committee/?type=meetings&page=1&numItems=0. Hemm kemm il-minuti tal-laqgħat kif ukoll it-weġibiet bil-miktub mogħtja minn dawk nominati.

[4] European Commission for Democracy through Law (Venice Commission): Malta. Opinion on Constitutional Arrangements and Separation of Powers and the Independence of the Judiciary and Law Enforcement. Ara https://www.venice.coe.int/webforms/documents/?pdf=CDL-AD(2018)028-e

jfakkruna uħud ta' kultant, il-Parlament hu l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż. Mill-Indipendenza l-pajjiż dejjem tmexxa mill-Kabinett li kontinwament ta' struzzjonijiet lill-Parlament, li għall-formalità, bi ftit eċċezzjonijiet, approva dawn l-istruzzjonijiet u mexa magħhom.

Dan ovvjament kien possibbli minħabba l-polarizzazzjoni tal-pajjiż f'żewġ sferi politiċi li ittrasformaw dak li fuq il-karta hi demokrazija parlamentari f'sistema ta' ċentraliżmu demokratiku, immexxija mill-Kabinett. Spiċċajna biex flok il-Kabinett hu qaddej tal-Parlament, l-affarijiet huma kważi kompletament bil-maqlub. Din, fil-fehma ta' Alternattiva Demokratika, hi waħda mir-raġunijiet ewlenin għaliex kontinwament hemm resistenza għal sistema elettorali aħjar li tagħti spażju lil ilħna oħrajn, lil'hinn mill-ilħna tradizzjonali. Għax l-effett prattiku tad-dħul ta' partiti politiċi addizzjonali fil-Parlament, eventwalment ikun rifondazzjoni tad-demokrazija parlamentari bid-deċiżjonijiet jittieħdu fil-Parlament stess u l-Kabinett ikun relegat għal postu: jirrapporta lill-Parlament, jieħu l-istruzzjonijiet mingħandu u jwettaqhom! Fi ftit kliem, dan ifisser il-ħtieġa li jkun hemm separazzjoni effettiva bejn l-eżekuttiv u l-leġiżlattiv, punt fundamentali meta qed nitħaddtu dwar il-Kostituzzjoni ta' demokrazija parlamentari. Din is-separazzjoni illum teżisti fuq il-karta biss.

Il-Kostituzzjoni teħtieġ li tirrifletti ukoll il-ħtieġa għal trasparenza u l-kontabilità. Dan hu meħtieġ mhux biss min-naħa tal-politiċi imma wkoll mingħand dawk kollha li jirċievu kwalunkwe delega ta' xi forma ta' awtorità eżekuttiva, anke l-iżjed waħda ċkejkna.

Ma' dan kollu trid iżżid is-sistema elettorali, li teħtieġ tibdil sostanzjali. Dan hu meħtieġ prinċipalment minħabba li r-regoli kostituzzjonali dwar il-proporzjonalità huma limitati fl-applikazzjoni tagħhom. Dawn japplikaw biss f'sitwazzjoni fejn fil-Parlament ikun hemm żewġ partiti politiċi, u allura b'mod prattiku japplikaw favur il-Partit Laburista u l-Partit Nazzjonalista li fassluhom favur tagħhom. Għaldaqstant huma diskriminatorji fl-applikazzjoni tagħhom.

Imma l-proċess elettorali jeħtieġ li jkun eżaminat mill-ġdid ukoll, għax illum iktar minn qatt qabel, hawn il-ħtieġa ta' intervent leġiżlattiv biex ikun indirizzat in-nuqqas tal-preżenza adegwata tal-ġeneri differenti fil-fora politiċi Maltin, ewlieni fosthom fil-Parlament Malti.

## 03. Il-bidla meħtieġa

Pajjiżna qed jinbidel kontinwament. Kultant din il-bidla isseħħ b'ritmu kajman. Drabi oħra din issir b'għaġġla kbira, kif qed iseħħ fil-mument. Huma bidliet li l-poplu Malti qed iħaddan kontinwament. Bidliet li żdiedu fir-ritmu hekk kif Malta issieħbet fl-Unjoni Ewropea u bdiet dieħla fis-seklu wieħed u għoxrin, u b'mod iktar qawwi minn meta seħħ l-approvazzjoni tar-referendum dwar id-divorzju fl-2011, u minn hemm 'il quddiem.

Il-Kostituzzjoni, fil-forma li għandha illum, hi prodott ta’ diskussjoni, negozjati u kompromessi ikkonsolidati fuq medda ta’ kważi sittin sena. Tfasslet bħala parti integrali mill-proċess tal-Indipendenza fl-1964 u ġiet emendata diversi drabi tul is-snin b’mod partikolari fl-1974 meta saru l-iżjed emendi sinifikanti u estensivi. Fl-1974 dawn l-emendi ġew ikkunsidrati f’mumenti ta’ tensjoni, drabi oħra bilkemm indunajna bihom, tant kemm kienet kalma u kwieta d-diskussjoni li saret dwarhom.

Uħud mill-kompromessi li wasslu għall-Kostituzzjoni li għandna illum idarsuna meta nħarsu lejhom mil-lenti tagħna tal-lum. Irridu nifhmu, imma, l-kuntest li fih dawn tfasslu u kif wasslu biex lill-pajjiż biex iħoll il-kobba li kellu quddiemu dakinnhar. Jekk irridu ntejbu l-Kostituzzjoni li għandna illum jeħtieġ li nibnu fuq il-kompromessi tal-bieraħ biex anke a bażi tal-esperjenzi tul is-snin, bħala pajjiż naslu għal soluzzjonijiet aħjar milli irnexxielhom jaslu għalihom ta’ qabilna. Mhux il-każ li sempliċiment naċċettaw jew nirrifjutaw dawn il-kompromessi tal-bieraħ. Imma jeħtieġilna li nħarsu ‘l quddiem.

Malta tal-lum hi differenti minn Malta tal-1964. F’numru ta’ aspetti hi ukoll Malta aħjar. Hi Malta li mxiet ‘il quddiem u addattat ruħha b’suċċess għal dak li seħħ madwarha. F’dan il-proċess mifrux fuq kważi sittin sena, minn stat prattikament konfessjonali Malta żviluppat fi stat lajk b’koeżistenza ta’ valuri li jikkuntrastaw. F’Malta illum isaltan pluraliżmu etiku. Hija din il-pluralità ta’ valuri ta’ Malta tal-lum li għandna nżommu quddiem għajnejna aħna u niddibattu dwar x’forma għandu jkollha kostituzzjoni emendata jew mibdula.

## 04. Il-proċess konsultattiv

Sa mit-twaqqif tagħha fl-1989, Alternattiva Demokratika tkellmet kontinwament dwar it-tibdil kostituzzjonali li jidhrilna li hu meħtieg.

Il-proċess konsultattiv illum, hu immexxi mill-President tar-Repubblika li qed imexxi tim ta’ sitt rappreżentanti, tlieta mill-Partit Laburista u tlieta mill-Partit Nazzjonalista li flimkien ġew inkarigati biex iħejju t-triq ‘il quddiem. Dan wara ftehim informali li ntlaħaq bejn il-Prim Ministru Joseph Muscat u l-Kap tal-Oppożizzjoni Adrian Delia. Dan ilu għaddej għal madwar sena[5]. Għalkemm ma naqblux mal-mod kif inhu strutturat il-proċess konsulattiv, hu essenzjali li f’dan il-punt ta’ tluq tad-dibattitu nazzjonali nirripettaw dak li ġie deċiż s’issa, minkejja r-riservi tagħna. Ir-rispett reċiproku huwa fundamentali jekk irridu li dan il-proċess konsultattiv jagħti l-frott.

[5] Ara per eżempju : https://www.maltatoday.com.mt/news/national/91114/president_chairing_constitutional_reform_committee#.XX5diG5uLIU

## 05. Ir-rwol tas-soċjetà ċivili

Il-kostituzzjoni li għandna illum issawret wara l-bibien magħluqa f'Malta u f'Londra. Mhix kostituzzjoni li tat wisq każ ta' dak li jaħsbu n-nies. Il-konsultazzjoni pubblika ma kienitx moda fis-snin sittin.

Id-dibattitu pubbliku tal-lum għandu jwassal biex il-proposti finali għal tibdil kostituzzjonali, safejn ikun possibbli, jkunu jirriflettu l-fehmiet tal-faxex kollha tas-soċjetà. Huwa proċess li għandu jwassal biex ħadd ma jħoss li ġie injorat, għax il-Kostituzzjoni hi ta' kulħadd u għal kulħadd. Biex dan iseħħ hemm bżonn li l-proċess ma jkunx ikkontrollat mill-partiti politiċi fil-Parlament. It-tim koordinattiv tal-proċess konsultattiv għandu jirrifletti lis-soċjetà ċivili ukoll, tal-inqas minn dan l-istadju tal-konsultazzjoni pubblika 'l quddiem.

Alternattiva Demokratika għandha fiduċja fil-Presidenza tar-Repubblika u filfatt dan hu rifless fil-proposti tagħna iktar 'l isfel. Jidhrilna imma li hu essenzjali li leħen is-soċjetà ċivili u l-ilħna tal-partiti kollha li mhux fil-Parlament għandhom jistemgħu sewwa.

Il-partiti politiċi għandhom ikunu parti mill-proċess imma m'għandhomx ikunu fit-tmun. Għandhom jagħtu spazju lis-soċjetà ċivili biex din tkun tista' issemma' leħinha bla xkiel.

F'dan il-mument hu għaldaqstant essenzjali l-ewwel u qabel kollox li l-partiti politiċi fil-Parlament ma jibqgħux fuq quddiem fil-proċess konsultattiv iżda għandhom jagħmlu l-wisa' għal rwol iktar attiv għas-soċjetà ċivili.

Din mhix xi ħaga li qed tingħad illum għall-ewwel darba minn Alternattiva Demokratika. Filfatt, fil-Manifest Elettorali tal-2013 konna emfasizzajna li: "*Kull diskussjoni dwar bidliet profondi fil-Kostituzzjoni għandha titmexxa bl-akbar ftuħ u trasparenza u tiġi diskussa kemm fil-Parlament (li għandu jsir istituzzjoni professjonali b'parlamentari full-time), kif ukoll f'forum rappreżentattiv li jkun jinkludi rappreżentanti tal-organizazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-partiti politiċi kollha u l-kunsilli lokali. Il-proċeduri u d-diskussjonijiet għandhom ikunu aċċessibbli online u s-suġġerimenti taċ-ċittadini għandhom jiġu diskussi wkoll. Il-bidliet għandhom jiġu approvati b'referendum.*"[6]

**L-ewwel proposta għaldaqstant hi li l-proċess li fih jinstemgħu u jkunu mgħarbla l-argumenti u l-ideat kollha għal tibdil fil-Kostituzzjoni għandu jkollu s-soċjetà ċivili fuq quddiem u li l-partiti politiċi għandhom jipparteċipaw iżda m'għandhomx ikunu fit-tmun.**

---

[6] **Magħna taf fejn int.** Manifest Elettorali 2013. Alternattiva Demokratika-The Green Party. p.28. Aċċessibbli fuq: http://www.alternattiva.org.mt/2point3/wp-content/uploads/2011/08/AD_Manifesto2013_A4.pdf

## 06. Is-Sistema Elettorali

Għal kull partit politiku żgħir, inkluż għal Alternattiva Demokratika, hu kruċjali li s-sistema elettorali tkun riformata mill-qiegħ għax din hija l-kawża tal-parti l-kbira mill-gwaj li fih jinsab il-pajjiż. Dan billi parlament b'żewġ partiti qatt ma jista' jkun rappreżentanza ġusta tal-fehmiet tal-elettorat. Il-Parlament Malti f'dan is-sens hu uniku fl-Ewropa.

Għandna bżonn sistema ġusta, darba għal dejjem, u mhux noqgħodu nraqqu 'l hawn u 'l hemm skond dak li jinqala'.

Fissirna fehmitna b'mod mill-iktar ċar fil-Manifest Elettorali tal-2017 fejn għidna li: "*Irridu immorru lura sal-pedamenti tal-ħajja demokratika ta' pajjiżna u nagħtu lura valur lil kull ċittadin billi tkun riformata s-sistema elettorali b'tali mod li kull vot ikollu valur li jissarraf fit-tmexxija tal-pajjiż. Ir-riformi elettorali li saru tul is-snin servew biex inħolqot sitwazzjoni b'żewġ partiti politiċi li jalternaw bejniethom fit-tmexxija tal-pajjiż bl-esklużjoni tal-bqija. Dan minnu nnifsu huwa s-sors tal-gwaj kollu li fih jinsab pajjiżna illum, għax ixettel u jirrinforza politika ta' konfrontazzjoni bejn żewġ naħat flok politika ta' djalogu li fiha jieħu sehem kulħadd: djalogu li għandu jwassal għal kunsens wiesgħa.*"[7]

L-artiklu 56 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li l-Parlament ikun elett "fuq il-prinċipju ta' rappreżentanza proporzjonali permezz ta' vot singlu trasferibbli"[8].

L-emendi kostituzzjonali li saru fl-1987 daħħlu proviso għall-artiklu 52 tal-Kostituzzjoni bl-iskop li permezz tiegħu tkun tista' issir korrezzjoni tar-riżultat elettorali meta f'Parlament b'żewġ partiti min jikseb il-maġġoranza tal-voti ma jiksibx ukoll il-maġġoranza tas-siġġijiet parlamentari, kif sa dakinnhar kien diġà ġara fl-1981 u kif għal ftit ma seħħx ukoll għaxar snin qabel fl-1971 għall-istess raġunijiet, jiġifieri bħala riżultat ta' *gerrymandering*[9].

L-emendi oriġinali li saru fl-1987 ġew ipperfezzjonati sussegwentement b'emendi kostituzzjonali addizzjonali li ġew approvati fl-1996 u fl-2007 biex illum għandna mekkaniżmu li jassigura li f'Parlament magħmul minn rappreżentanti ta' żewġ partiti politiċi, it-tnejn li huma jkollhom rappreżentanza fil-Parlament li tikkorrispondi proporzjonalment mal-persentaġġ ta' voti li jkunu kisbu fl-ewwel għadd fl-elezzjoni ġenerali.

---

[7] Vot Alternattiv Vot Nadif. Manifest Elettorali 2017. Alternattiva Demokratika-The Green Party.p.5 . Aċċessibbli fuq is-sit : http://www.alternattiva.org.mt/2point3/wp-content/uploads/2011/08/AD-Manifest-Elettorali-2017.pdf

[8] Artiklu 56(1) tal-Kostituzzjoni

[9] Il-*jerrmandering* huwa l-proċess li permezz tiegħu t-tqassim tad-distretti elettorali jkun mibdul b'attenzjoni għall-inklinazzjoni politika ta' dawk effettwati. Dan isir b'mod li jkun ivvantaġġjat partit politiku jew ieħor. Bħala riżultat ta' dan il-partit politiku ivvantaġġjat isarraf kważi kull vot li jkun hemm favur tiegħu filwaqt li l-voti tal-partit jew partiti opposti jintilfu l-ikbar ammont possibli tagħhom.

Dan il-mekkaniżmu ntuża diversi drabi minn meta ġie introdott[10].

Imma fil-mument li jidħol it-tielet partit fil-Parlament dan il-proviso kostituzzjonali ma jistax ikun applikat[11] u huwa għalhekk li ngħidu li l-proporzjonalità fir-riżultati elettorali qegħda hemm biss u esklussivament għall-Partit Laburista u għall-Partit Nazzjonalista. Il-leġiżlatur Malti, sal-lum, sfortunatament kien kapaċi jaħseb biss f'termini ta' żewġ partiti politiċi. Il-viżjoni tiegħu ma twassalx iktar 'il-bogħod minn hekk. Hi viżjoni mijopika li hi mifruxa mal-Kostituzzjoni u l-liġijiet tal-pajjiż inkluż dawk dwar il-komposizzjoni tal-korpi kostituzzjonali.

Dan id-dritt għall-proporzjonalità huwa mċaħħad lill-partiti l-oħra, tant li per eżempju, fl-elezzjoni ġenerali tal-2008 l-proviso Kostituzzjonali għall-artiklu 52 hawn fuq ikkwotat wassal biex il-Partit Nazzjonalista jkun assenjat 4 siġġijiet parlamentari addizzjonali minħabba li kien kiseb 1580 vot iktar mill-Partit Laburista fl-ewwel għadd ta' dik l-elezzjoni ġenerali[12]. Imma fl-istess ħin kienu skartati l-voti miksuba dakinnhar minn Alternattiva Demokratika li fl-ewwel għadd kienu jammontaw għal 3810. Dan minkejja li kienu iktar mid-doppju tad-differenza fil-voti bejn iż-żewġ partiti eletti fil-Parlament.

1580 vot issarfu f'bonus ta' erba' siġġijiet addizzjonali u allura maġġoranza parlamentari u 3810 vot fl-istess elezzjoni ġenerali kienu injorati kompletament. In-numri huma żgħar, imma l-prinċipji involuti huma ta' natura fundamentali.

Il-proporzjonalità teħtieġ li tkun garantita dejjem u lill-partiti politiċi kollha u dan soġġett biss għal limitazzjoni ta' għatba raġjonevoli ta' voti li tkun teħtieġ li tinqabeż kif inhu provdut fis-sistema elettorali ta' diversi pajjiżi oħra[13] biex ikunu mminimizzati problemi ta' governabilità.

Alternattiva Demokratika repetutament[14] ipproponiet għatba ta' 2.5% tal-voti validi[15] fl-ewwel għadd tal-voti. Dan il-persentaġġ propost hu ekwivalenti għal tnejn minn total ta' 78 kwota imqassmin fuq it-tlettax-il distrett li tipprovdi għalihom is-sistema elettorali li għandna preżentment[16]. Dan ikun ifisser li l-Parlament ikun f'kull ħin rifless l-iktar viċin possibbli tal-vot popolari.

**It-tieni proposta għaldaqstant hi li l-proviso tal-artiklu 52 tal-Kostituzzjoni jkun emendat biex kull partit politiku li jikseb 2.5% jew iktar tal-voti validi fl-ewwel għadd tal-voti tal-**

[10] Ġie utilizzat fl-elezzjonijiet ġenerali tal-1987, 1996, 1998, 2008, 2013, 2017. Min-naħa l-oħra ma kienx użat fl-elezzjonijiet ġenerali tal-1992 u 2003.

[11] Fil-fatt il-proviso jipprovdi hekk : "(ii) f'elezzjoni ġenerali li tkun kontestata minn aktar minn żewġ partiti politiċi u li fiha jiġu eletti biss kandidati minn tnejn minn dawk il-partiti ……"

[12] Fl-ewwel għadd il-Partit Nazzjonalista kiseb 143,468 vot (49.34%) u l-Partit Laburista kiseb 141,888vot (48.79%) filwaqt li Alternattiva Demokratika kisbet 3810 vot (1.31%). Ara riżultat sħiħ fuq il-website tal-Kummissjoni Elettorali. https://electoral.gov.mt/Elections/General

[13] Il-Ġermanja għandha għatba ta' 5%, l-Italja u l-Olanda għatba ta' 4% filwaqt li l-Greċja għandha għatba ta' 3%. Pajjiżi oħra għandhom għatba li tvarja, imma li fil-parti l-kbira tagħhom hi waħda raġjonevoli.

[14] Ara per eżempju l-Manifest Elettorali għall-Elezzjoni Ġenerali tal-2013 u l-2017 ikkwotati iktar il-fuq.

[15] Vot Alternattiv Vot Nadif. Manifest Elettorali 2017. Alternattiv Demokratika-The Green Party.p.5 . Aċċessibli fuq is-sit : http://www.alternattiva.org.mt/2point3/wp-content/uploads/2011/08/AD-Manifest-Elettorali-2017.pdf

[16] F'kull wieħed mid-distretti elettorali preżentment hemm sitt kwoti, ħamsa li jikkorrispondu għall-ħames siġġijiet parlamentari meħtieġ li jimtlew u s-sitt waħda li tintilef. It-total ta' kwoti għaldaqstant huwa ta' 6 għal tlettax-il darba li jammonta għal total ta' 78 kwota.

**elezzjoni ġenerali ikun assigurat minn rappreżentanza parlamentari li tikkorrispondi mal-voti miksuba.**

## 07. Bilanċ bejn il-ġeneri fis-Sistema Elettorali

Meta s-sistema elettorali tkun tirrifletti l-firxa tal-opinjonijiet politiċi kif rappreżentati minn partiti politiċi differenti tkun qabża kbira ' l quddiem għad-demokrazija tagħna. Dan imma mhux biżżejjed.

Hemm ħtieġa ukoll li nagħmlu qabża oħra li hi daqstant kbira u importanti. Din il-qabża hi meħtiega biex il-Parlament ikun fih bilanċ bejn il-ġeneri ukoll. Il-bilanċ meħtieġ mhux biss dak bejn l-irġiel u n-nisa imma ukoll għandhom ikunu nklużi f'dan l-eżerċizzju dawk li ma jidentifikaw ruħhom la mal-irġiel u l-anqas man-nisa.

Fid-Dikjarazzjoni ta' Prinċipji ta' Alternattiva Demokratika ippubblikata mat-twaqqif tal-partit fl-1989, Alternattiva Demokratika kienet diġa qed titkellem dwar "it-Tielet Sess" u l-ħtieġa li naħdmu kontra l-preġudizzji[17]. Id-dibattitu dwar dan ilu għaddej fil-pajjiż kif jixhdu l-kisbiet ta' drittijiet għall-komunità LGTBIQ li dwarhom Alternattiva Demokratika kienet f'kull ħin fuq quddiem nett.

Alternattiva Demokratika taqbel fil-prinċipju li għandna nfittxu l-aħjar mod kif dan il-bilanċ bejn il-ġeneri, fil-prattika nistgħu naslu għalih. Is-sistema elettorali li għandna, minnha innifisha ma fiha l-ebda mekkaniżmu li jista' jintuża biex fl-għażla tal-membri parlamentari jkun iffaċilitat riżultat li jkun wieħed ibbilanċjat bejn il-ġeneri. L-unika possibilità fis-sistema kurrenti qegħda fil-mekkaniżmu korrettorju għall-proporzjonalità[18]. Li kieku dan kellu jintuża wkoll biex jikkoreġi ftit l-iżbilanċ fir-rappreżentanza bejn il-ġeneri, imma, dan ftit ikollu effett għax in-numru ta' siġġijiet parlamentari ridistribwiti b'dan il-mod mhux biss huma minimi[19] imma dwarhom ikun hemm ukoll pretensjoni ġustifikata mill-kandidati li jkunu għadhom imdendlin b'numru ta' voti li jkun ftit inqas mill-kwota applikabbli u li mhux neċessarjament ikunu jappartjenu lill-ġeneru b'nuqqas ta' rappreżentanza.

Jekk inħarsu lejn l-aħħar tlett elezzjonijiet ġenerali insibu stampa ċara ta' kif jaħdem dan il-mekkaniżmu. Fl-elezzjoni ġenerali tal-2008 biex tkun restawrata l-proporzjonalità bejn is-siġġijiet parlamentari u l-voti miksuba bejn iż-żewġ partiti eletti fil-Parlament ġew assenjati

---

[17] " Bħal fil-każ tad-diskriminazzjoni kontra n-nisa, aħna favur li l-Kostituzzjoni għandha toffri garanziji effettivi u enforzabbli fil-qrati fil-kaz ta' diskriminazzjoni kontra t-tielet sess. Naħdmu biex bl-edukazzjoni ma jibqgħux il-preġudizzji kontra t-tielet sess." Ara Dikjarazzjoni ta' Prinċipji intitolata ta' Alternattiva Demokratika: paġna 12, ppubblikata 1989.

[18] Ara artiklu 52 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

[19] Dan il-mekkaniżmu ilu jiġi użat mill-elezzjoni tal-1987.

erba' siġġijiet parlamentari lil erba' kandidati rġiel.[20] Fl-elezzjoni ġenerali tal-2013 ukoll kienu assenjati erba' siġġijiet parlamentari: din id-darba imma ibbenefikaw żewġ kandidati rġiel u żewġ kandidati nisa[21]. Min-naħa l-oħra fl-elezzjoni ġenerali tal-2017 iż-żewġ siġġijiet addizzjonali ġew assenjati lil żewġ kandidati irġiel[22]. Dawn kollha kellhom l-iktar voti fost il-kandidati tal-Partit Nazzjonalista li ma kienux ġew eletti.

Il-Gvern ippubblika dokument konsultattiv[23] li fih qed jipproponi li apparti l-mekkaniżmu korrettiv għall-proporzjonalità dwar ir-riżultat tal-elezzjoni ġenerali jkun hemm ukoll mekkaniżmu korrettiv dwar ir-rappreżentanza tal-ġeneru. Dan il-mekkaniżmu hu propost li jiskatta wara li jkunu konklużi l-elezzjonijiet każwali marbuta mal-elezzjoni ġenerali. Il-mekkaniżmu, propost għal perjodu temporanju, huwa mfassal fuq il-mekkaniżmu kostituzzjonali dwar il-proporzjonalità u bħalu jaħdem biss f'Parlament b'rappreżentanza limitata għal żewġ partiti politiċi. Għal Alternattiva Demokratiku dan mhux aċċettabbli. Mhux biss għax dan hu ħażin minnu innifsu, imma ukoll għax il-messaġġ ċar li qed jingħata hu li huwa biss b'sistema parlamentari ta' żewġ partiti politiċi li jista' jinkiseb il-bilanċ bejn il-ġeneri fil-Parlament.

Alternattiva Demokratika hi tal-fehma li għandna nfittxu soluzzjonijiet oħra f'sistemi elettorali differenti biex nindirizzaw l-iżbilanċ bejn il-ġeneri fil-Parlament. Waħda minn dawn il-possibilitajiet hi permezz tal-użu tal-lista elettorali tal-partiti li biex tkun aċċettata mill-Kummissjoni Elettorali tkun teħtieġ li tkun waħda li toħloq bilanċ bejn il-ġeneri, kemm bejn irġiel u nisa kif ukoll fil-konfront ta' dawk li ma jidentifikaw ruħhom la mal-irġiel u lanqas man-nisa.

Alternattiva Demokratika taħseb li dan hu l-iktar mod prattiku kif ikun assigurat li nimxu lejn bilanċ bejn il-ġeneri fir-rappreżentanza parlamentari. L-elettorat ikun mitlub li jivvota lill-partit u mhux iktar lill-kandidat individwali u mbagħad jiġu eletti kandidati fl-ordni stabilità fil-lista ippreżentata mill-partiti politiċi infushom. Lista li tista' issir kemm fuq bażi distrettwali imma anke fuq bażi nazzjonali.

**It-tielet proposta għaldaqstant hi li s-sistema elettorali għandha tkun a bażi ta' lista elettorali ippreżentata mill-partiti politiċi li tkun waħda bilanċjata bejn il-ġeneri, mhux biss bejn l-irġiel u n-nisa imma ukoll fil-konfront ta' dawk li ma jidentifikaw ruħhom la mal-irġiel u lanqas man-nisa.**

---

[20] Fl-elezzjoni ġenerali tal-2008 dawn kienu Jean Pierre Farrugia, Edwin Vassallo, Francis Agius u Francis Zammit Dimech.

[21] Fl-elezzjoni ġenerali tal-2013 dawn kienu Fredrick Azzopardi, Claudette Buttigieg, Carm Mifsud Bonnici u Paula Mifsud Bonnici.

[22] Fl-elezzjoni ġenerali tal-2017 dawn kienu Fredrick Azzopardi u Carm Mifsud Bonnici.

[23] **Gender Balance in Parliament Reform.** Consultation Document. 29th March 2019, ippubbikat mis-Segretarjat Parlamentari għar-riformi,ċittadinanza u simplifikazzjoni tal-proċess amministrattiv.

## 08. Parlament awto-regolat

Il-Parlament għandu f'ċirkustanzi normali jdum għal perjodu fiss u l-Gvern m'għandux jibqa' jkollu s-setgħa li jxolji l-Parlament u jsejjaħ elezzjoni meta jrid jew meta jkun jaqbel politikament. Għandu jkun il-Parlament innifsu li jiddeċiedi kif u meta jieqaf jew ixolji.

Il-Parlament għandu jkun awto-regolat u għandu jkun hu biss li f'ċirkustanzi straordinarji jkollu l-awtorità li jxolji jew b'xi mod ieħor iwaqqaf il-ħidma tiegħu.

**Ir-raba' proposta għaldaqstant hi li l-Parlament għandu jkollu tul fiss u ħadd, għajr bħala riżultat ta' proċeduri tal-istess Parlament f'ċirkustanzi straordinarji ma għandu jkun jista' jxolji l-istess Parlament inkella jwaqqaf il-ħidma tiegħu.**

## 09. Parliament *full-time*

Għandna ħtieġa ta' Parliament *full-time*, mhux biss għax hemm ħafna xogħol x'isir, imma fuq kollox għax huwa importanti li l-ħidma Parlamentari tkun l-uniku impenn tal-Membru tal-Parlament.

Il-proposta ta' Parlament *full-time* għal Alternattva Demokratika prinċipalment għandha l-mertu li taqta' lill-Membru Parlamentari minn kull ħidma oħra u allura hi tarka b'saħħita u effettiva kontra l-kunflitt ta' interess.

Għax mhux aċċettabbli li jkollok Membru Parlamentari li filgħodu, wara l-bibien magħluqin, ikun jassisti klijenti f'negozjati ma' Dipartimenti, Awtoritajiet u/jew Ministeri dwar permessi, ftehim jew kuntratti li jinvolvu miljuni kbar jew żgħar ta' Ewro, imbagħad filgħaxija nippretendu li dan imur il-Parlament biex jesigi l-kontabilità tal-Gvern u jagħmel skrutinju tal-ħidma tal-Gvern, inkluż tiegħu innifsu! Il-Membri Parlamentari għandhom ikunu qaddejja tal-poplu kollu u fil-mument li jidħlu fil-kariga għandhom jaqtgħu r-rabtiet kollha ma' kull interess ieħor. Il-Membri Parlamentari m'għandhomx ikunu f'kunflitt bejn il-klijenti u/jew l-interessi tagħhom u d-doveri parlamentari.

Ma naqblux li Membru Parlamentari għandu jkollu għażla jekk ikunx *full-time* jew le fil-ħidma Parlamentari. Għandha tkun obbligatorja mill-mument tal-ħatra formali. Għal uħud tista' tkun għażla diffiċli li jitilqu l-prattika professjonali. Imma hemm bżonn distakk ċar u formali ta' kull Membru Parlamentari minn kull ħidma oħra bla ebda eċċezzjoni, inkluż dik ta' għalliema fl-Università.

Għalhekk ukoll mhux aċċettabbli li Membri Parlamentari jinħatru bħala membri ta' bordijiet u awtoritajiet governattivi. Il-Membru tal-Parlament ma jistax jgħarbel il-ħidma tal-Eżekuttiv jekk hu innifsu jkun parti integrali minnha.

Dan huwa punt li Alternattiva Demokratka ilha tisħaq fuqu. Imma issa din hi ukoll l-opinjoni tal-Kummissarju dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika li fir-rapport tiegħu[24] li irrilaxxja dwar ilment sottomess mill-Onorevoli Godfrey Farrugia ikkonkluda[25], fost affarijiet oħra, li dawn il-ħatriet ta' Membri Parlamentari fuq Bordijiet u Awtoritajiet pubbliċi jdgħajfu "ir-rwol tal-Parlament fl-iskrutinju tax-xogħol tal-Eżekuttiv".

**Il-ħames proposta għaldaqstant hi li ma jkunx permissibbli għall-Membri Parlamentari li jagħmlu kwalunkwe xogħol ieħor sakemm idumu fil-ħatra. Dan għandu jgħodd mhux biss għal impieg u/jew prattika professjonali imma ukoll għal ħatriet fuq bordijiet li ma jkunux assoċjati direttament mal-ħidma parlamentari tagħhom.**

## 10. Il-poteri f'idejn il-Parlament

Wara li stabilejna fil-proposti ta' hawn fuq li l-Parlament għandu jkun jirrifletti b'mod proporzjonali t-tqassim tal-voti b'mod li kull partit politiku li jaqbeż l-għatba ta' 2.5% tal-voti mitfugħa, kif ukoll li r-rappreżentanza parlamentari għandha tkun tirrifletti bilanċ bejn il-ġeneri u li l-Parlament ma' għandux jibqa' wieħed tad-dilettanti, huwa essenzjali li neżaminaw il-poteri li għandhom ikunu f'idejn il-Parlament imma li bħalissa qegħdin f'idejn il-Prim Ministru.

Tul is-snin Alternattiva Demokratika emfasizzat li l-Prim Ministru għandu wisq poteri mogħtija lilu direttament mill-Kostituzzjoni. Sostanzjalment dan sar meta kienet ippromulgata l-Kostituzzjoni attwali fl-1964 u s-sitwazzjoni baqgħet hekk sal-lum.

Il-Kummissjoni Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa ukoll temfasizza dan il-punt u targumenta li hemm ħtieġa li din il-konċentrazzjoni ta' poteri f'idejn il-Prim Ministru għandha tkun rimedjata billi jissaħħu l-poteri ta' karigi u/jew istituzzjonijiet oħra.[26] Huwa l-waqt li nikkunsidraw r-reviżjoni ta' dawn il-poteri li fil-parti l-kbira tagħhom, fil-fehma ta' Alternattiva Demokratika, għandhom jgħaddu f'idejn il-Parlament, inkella taħt is-sorveljanza diretta tiegħu jew tal-President tar-Repubblika u dan kif imfisser f'dan id-dokument.

---

[24] Kummissarju dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika : każ K/002. Rapport datat 5 ta'Lulju 2019

[25] Ibid, paragrafu 80 f'paġna 17

[26] European Commission for Democracy through Law (Venice Commission): **Malta. Opinion on Constitutional Arrangements and Separation of Powers and the Independence of the Judiciary and Law Enforcement.** pp.22-3. "In order to balance the dominance of the Prime Minister, other state institutions (Judiciary, President, Parliament and Ombudsman) need to be strengthened. " (para 112) Ara https://www.venice.coe.int/webforms/documents/?pdf=CDL-AD(2018)028-e

## 11. Il-korpi Kostituzzjonali

Il-korpi Kostituzzjonali illum il-ġurnata kollha jinħatru mill-President tar-Repubblika fuq parir tal-Prim Ministru, liema parir jingħata wara li jkun ikkonsulta mal-Kap tal-Oppożizzjoni, li ukoll, ġeneralment, jinnomina numru ta' membri. Dan jgħodd għall-Kummissjoni Elettorali[27], il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku[28], il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi,[29] u l-Awtorità tax-Xandir.[30] Jgħodd ukoll għall-proċeduri[31] tal-Kummissjonijiet Kostituzzjonali li jeħtieġu l-approvazzjoni tal-Prim Ministru jew ta' Ministru awtorizzat minnu biex jidħlu fis-seħħ. Qabel ma daħlet fis-seħħ il-Kostituzzjoni preżenti nhar il-21 ta' Settembru 1964 dawn il-poteri kienu kollha f'idejn il-Gvernatur, ir-rappreżentant tar-Reġina tar-Renju Unit, il-tiegħu Malta kienet kolonja. Mill-21 ta' Settembru 1964 il-Prim Ministru libes iż-żarbun tal-Gvernatur.

Dawn il-poteri kollha dwar il-ħatra tal-korpi Kostituzzjonali għandhom jgħaddu f'idejn il-Parlament. Hekk jixraq li jsir, li l-Parlament, l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż, jerfgħa r-responsabbilità tal-ħarsien tal-Kostituzzjoni u dan billi dawn il-korpi jinħatru mill-Parlament, inkella fuq il-parir tiegħu. Għandu jkun il-Parlament ukoll li jissorvelja l-ħidma tagħhom u dan b'mod kontinwu, preferibbilment permezz ta' Kumitat Parlamentari maħtur għal dan l-iskop. Din is-sorveljanza ftit li xejn issir illum għajr meta tinqala' xi problema.

Huwa importanti li kull wieħed minn dawn il-korpi kostituzzjonali jkun distakkat mill-Gvern tal-ġurnata u dan minħabba n-natura tal-ħidma tagħhom. Il-Gvern, kif ukoll il-partit fil-Gvern, għandu jżomm id-distanza minn involviment dirett fis-sorveljanza tal-elezzjonijiet, tas-servizz pubbliku, minn eżami ta' ilmenti dwar diskriminazzjoni politika konnessa mal-impiegi fis-settur pubbliku kif ukoll minn kull xorta ta' indħil fix-xandir. Għalhekk dawn il-korpi kostituzzjonali għandhom jinħatru mill-Parlament u dawn għandhom jirrappurtaw lura lilu b'mod regolari.

Għandu jkun l-Ispeaker li għan-nom tal-Parlament jirċievi r-rapporti statutorji mingħandhom kif ukoll għandu jkun l-istess Speaker li jibda l-proċess tal-ħatriet f'dawn il-korpi kostituzzjonali. Huwa ukoll l-ispeaker li għandu jara li l-Parlament ikun regolarment infurmat bil-ħidma tagħhom.

Il-Parlament għandu jkollu Kumitat Permanenti għal Affarijiet Kostituzzjonali bl-inkarigu speċifiku li jeżamina l-implikazzjonijiet kostituzzjonali tal-leġiżlazzjoni proposta kif ukoll li

[27] Artiklu 60 tal-Kostituzzjoni ta' Malta
[28] Ibid Artiklu 109
[29] Ibid Artiklu 120
[30] Ibid Artiklu 118
[31] Ibid Artiklu 121

jeżamina kull materja ta' portata kostituzzjonali, ewlenija fosthom li jissorvelja l-ħidma tal-korpi kostituzzjonali f'isem il-Parlament b'mod kontinwu.

**Is-sitt proposta għaldaqstant hi li dak kollu li jikkonċerna l-korpi kostituzzjonali ma jibqax responsabbiltà tal-Prim Ministru imma dan jgħaddi direttament f'idejn il-Parlament.**

**Is-seba' proposta għaldaqstant hi li l-Parlament ikollu Kumitat Permanenti għal Affarijiet Kostituzzjonali.**

## 12. Il-President tar-Repubblika: ħatra u responsabbiltajiet

Ilkoll kemm aħna nistennew li l-President tar-Repubblika jħares u jipproteġi l-Kostituzzjoni ta' Malta. Dan nistennewh mingħand il-President tar-Repubblika minkejja li nafu li hemm il-Qrati tal-Ġustizzja. Ilkoll nistennew li l-kariga ta' President tar-Repubblika tkun l-ewwel tarka taċ-ċittadin fil-konfront ta' Kabinett kif ukoll tal-Parlament li mhux l-ewwel darba li qabżu l-limiti raġjonevoli fil-ħidma tagħhom.

Il-Kapitlu V tal-Kostituzzjoni li hu intitolat "Il-President" ma jgħid xejn dwar id-doveri tal-President tar-Repubblika u dan billi dawn id-doveri huma nxerrda tul l-artikli differenti tal-Kostituzzjoni. L-obbligu tal-President li jħares u jipproteġi l-Kostituzzjoni jirriżulta mit-Tieni Skeda tal-Kostituzzjoni li titkellem dwar il-ġuramenti tal-kariga[32], fosthom dak li għandu jieħu l-President tar-Repubblika qabel ma dan jidħol fil-kariga[33].

Minkejja dan l-obbligu kostituzzjonali, imma, l-istess Kostituzzjoni imbagħad tonqos milli tipprovdi lill-President bl-għodda meħtieġa biex ikun jista' jwettaq dmiru, li jħares u jipproteġi l-Kostituzzjoni, kif dikjarat fil-ġurament tal-ħatra. Bħala riżultat ta' dan, sal-lum, il-President tar-Repubblika straħ fuq il-persważjoni morali biex ikun jista' jwettaq dan id-dmir bażiku mistenni minnu.

Illum il-ġurnata, nistennew ferm iktar minn Presidenza tar-Repubblika li ġeneralment hi waħda ċerimonjali bl-obbligu li tittimbra dak li jkun diġà ddeċieda dwaru l-Eżekuttiv. Is-soċjetà tagħna tistenna Presidenza li jkollha s-snien, anke jekk dawn ikunu jistgħu jintużaw b'mod u f'ċirkustanzi limitati.

Il-presidenza għandu jkollha snien li jigdmu, anke jekk mingħajr poter eżekuttiv. Jiġifieri nistennew Presidenza li tista' taġixxi fejn meħtieġ u ġustifikat, biex tapplika l-brejkijiet, imma

---

[32] Jew dikjarazzjoni solenni skond il-provedimenti tal-Kap 245 tal-Liġijiet ta' Malta : Att dwar id-Dikjarazzjonijiet

[33] "Jiena ............................................., solennement naħlef/niddikjara li naqdi fedelment il-kariga ta' President (li naqdi fedelment il-funzjonijiet tal-President) ta' Malta, u li, skont l-aħjar ħila tiegħi nikkonserva, inħares u niddefendi l-Kostituzzjoni ta' Malta. (Hekk Alla jgħini)." (ara Tieni Skeda tal-Kostituzzjoni, paragrafu a).

mingħajr poteri eżekuttivi, għax il-Presidenza għandha tkun distakkata mit-tmexxija ta' kuljum tal-pajjiż u l-kontroversji assoċjati.

Il-President tar-Repubblika ma jistax jibqa' jistrieħ fuq il-persważjoni morali biss biex jikkonvinċi Gvern jew Parlament ħalli dawn jibdlu trieqthom u jirrispettaw il-Kostituzzjoni, meta dan ikun meħtieg li jsir. L-uffiċċju tal-President jeħtieġ is-snien fil-forma ta' għodda legali biex ikun jista' jwettaq l-obbligu li jħares u jiddefendi l-Kostituzzjoni ta' Malta fil-konfront ta' Gvern u Parlament li jwebbsu rashom u jibqgħu għaddejjin minkejja li jkunu mwissija li t-triq li jkunu qabdu tkun waħda mhux aċċettabbli.

Il-President Coleiro-Preca, fl-aħħar ġranet tal-Presidenza tagħha, għamlet proposta ċara u speċifika f'dan is-sens u Alternattiva Demokratika qed tagħmel tagħha din il-proposta.

F'intervista ppubblikata fuq *Indepth*, l-edizzjoni elettronika ta' *The Malta Independent*[34], il-President Coleiro-Preca qalet li l-President tar-Repubblika għandu jkollu l-awtorità li jibgħat liġi lura għand il-Parlament biex din tkun ikkunsidrata mill-ġdid. Dan ikun ifisser ukoll li l-uffiċċju tal-President ikun ipprovdut bir-riżorsi meħtieġa ħalli huwa jkollu l-pariri legali meħtieġa, biex f'ħin qasir ikun f'pożizzjoni li jwettaq dmiru li jħares il-Kostituzzjoni b'mod effettiv.

Dan imma iwassal għall-konsiderazzjoni oħra ta' importanza kbira: safejn għandu jinvolvi ruħu fid-dibattitu politiku l-President tar-Repubblika? Għax li tibgħat lura lill-Parlament liġi li dan ikun diġà approva biex din tkun ikkunsidrata mill-ġdid hu bla dubju messaġġ politiku qawwi ħafna. Hemm dubju kemm President tar-Repubblika elett fix-xenarju politiku kurrenti jkun lest li jħaqqaqha mal-Parlament b'dan il-mod. Għax anke jekk wieħed jaċċetta li azzjoni ta' din ix-xorta tkun xi ħaġa rari, jkun loġiku li nikkonkludu li biex dan iseħħ ikun bla dubju f'nofs ta' kontroversja politika liema bħalha!

Bla ebda dubju, li kellha sseħħ din il-bidla, n-natura tal-Presidenza tinbidel. Imma bidla ta' din ix-xorta, fil-fehma ta' Alternattiva Demokratika tkun bidla għall-aħjar għax toħloq kontrolli preventivi u żżid saff ieħor ta' ħarsien tal-valuri kostituzzjonali tal-pajjiż.

Il-proposta biex il-President tar-Repubblika jkollu l-awtorità li jibgħat liġi lura quddiem il-Parlament ħalli dan jikkunsidraha mill-ġdid għandha tkun limitata għal dawk il-każijiet fejn tkun identifikata inkompatibilità bejn il-liġi proposta u l-Kostituzzjoni. Din il-proposta, bla dubju, tittrasforma l-awtorità morali li għandu l-President tar-Repubblika illum f'awtorità reali u effettiva biex jimblokka leġiżlazzjoni fejn din tkun tmur kontra dak li tipprovdi l-Kostituzzjoni.

Il-proposta imma rridu narawha f'kuntest iktar wiesa'.

---

[34] Ara http://www.independent.com.mt/articles/2019-03-17/local-news/Indepth-President-should-be-allowed-to-send-legislation-back-to-Parliament-6736205118

Alternattiva Demokratika ilha żmien li pproponiet, fil-programmi elettorali diversi tagħha[35], li l-President tar-Repubblika għandu jintagħżel permezz ta' kulleġġ elettorali li jkun ferm iktar wiesa' mill-Parlament. Alternattiva Demokratika dejjem emfasizzat fuq il-ħtieġa li anke l-Kunsilli Lokali[36] jkunu nvoluti flimkien mal-Parliament fl-għażla tal-President tar-Repubblika.

Il-Parlament m'għandux jikkontrolla l-istituzzjonijiet kollha tal-pajjiż. Is-sehem tal-Kunsilli Lokali fl-elezzjoni tal-President tar-Repubblika jagħti iktar dinjità lill-kariga ta' President kif ukoll tinvolvi lill-politiċi lokali fl-għażla tal-kap tal-Istat.

Jekk ikun stabilit dan il-kulleġġ elettorali, l-President tar-Repubblika jkun jista' jinħeles mid-dipendenza politika tiegħu jew tagħha fuq il-Parliament. Bħala riżultat ta' dan, ikun ukoll protett minn reazzjoni politika kontra tiegħu jew tagħha da parti tal-maġġoranza Parlamentari kemm-il darba hu jew hi jaġixxi biex jiddefendi l-Kostituzzjoni billi jibgħat liġi lura quddiem il-Parlament biex din tkun ikkunsidrata mill-ġdid.

Id-diskussjoni għandha teżamina ukoll x'jiġri jekk il-Parlament ma jkunx jaqbel mal-fehma tal-President inkella jekk l-emendi li jkunu introdotti wara intervent tal-President ma jindirizzawx biżżejjed il-materja taħt konsiderazzjoni. F'dak il-każ, fil-fehma ta' Alternattiva Demokratika, il-President għandu jekk possibbli jiddjaloga mal-Parlament inkella jirreferi l-każ għal deċiżjoni finali tal-Qorti Kostituzzjonali.

Bħala riżultat ta' dan kollu, meta l-President tar-Repubblika jagħti l-kunsens tiegħu għal xi liġi approvata mill-Parlament huwa ma jkunx sempliċiment qed jgħid iva għax jeħtieġlu jgħid iva bilfors.

Fl-assenza tat-tieni Kamra, dan huwa wieħed mill-kontrolli essenzjali fuq il-poteri tal-Parlament li hu meħtieġ f'Kostituzzjoni reveduta. Il-ħarsien u d-difiża tal-Kostituzzjoni għandu jkun wieħed reali u immedjat.

F'dan il-kuntest imbagħad wieħed għandu jara jekk jibqax jagħmel sens li l-Parlament ikollu l-awtorità li b'maġġoranza sempliċi jneħħi l-President tar-Repubblika. Alternattiva Demokratika jidhrilha li dan il-poter ukoll m'għandux jibqa' f'idejn il-Parlament imma għandu jgħaddi f'idejn il-kulleġġ elettorali u li dan ikun jirrikjedi maġġoranza ta' żewġ terzi biex ikun effettivament utilizzat.

---

[35] Ara kemm il-Manifest Elettorali tal-2013 kif ukoll dak tal-2017.

[36] "Il-President tar-Repubblika m'għandux jibqa' jkun elett mill-Parlament waħdu, imma minn kulleġġ elettorali magħmul mill-Membri Parlamentari kollha u mis-sindki eletti kollha tat-68 lokalità." Manifest Elettorali 2017: **Vot Alternattiv, vot nadif**: paġna 6.

**It-tmien proposta għaldaqstant hi li l-President tar-Repubblika m'għandux jibqa' jinħatar mill-Parlament waħdu imma minn kulleġġ elettorali kompost kemm mill-Membri Parlamentari kif ukoll minn rappreżentanza mill-Kunsilli Lokali.**

**Id-disa' proposta għaldaqstant hi li l-President tar-Repubblika, biex iħares u jiddefendi l-Kostituzzjoni kif stabilit fil-ġurament tal-ħatra, ikollu is-setgħa li, kemm-il darba jkun hemm dubju serju dwar il-kostituzzjonalità ta' xi liġi approvata mill-Parlament, jibgħat lura quddiem l-istess Parlament il-liġi in kwistjoni biex din tkun ikkunsidrata mill-ġdid.**

**L-għaxar proposta għaldaqstant hi li ma jkunx iktar il-Parlament li jkollu l-poter li jneħħi l-President tar-Repubblika, jekk ikun hemm raġunijiet li jiġġustifikaw dan. Dan il-poter għandu jgħaddi f'idejn il-kulleġġ elettorali li jkollu l-poter li jeleġġieh u jkun meħtieġ l-approvazzjoni ta' żewġ terzi ta' dawk kollha li jkollhom id-dritt li jivvutaw.**

## 13. Il-Kummissjoni Elettorali

Il-Kummissjoni Elettorali illum il-ġurnata tinħatar nofs mill-Gvern u nofs mill-Oppożizzjoni fejn jidħlu l-ħatriet tal-membri li huma tmienja. Imma mbagħad il-ħatra taċ-Chairman tal-Kummissjoni Elettorali issir direttament mill-Gvern u dan billi din il-kariga hi waħda mill-ħatriet fis-servizz pubbliku.

Il-Kummissjoni Elettorali minbarra l-inkarigu kostituzzjonali tagħha konness mal-elezzjonijiet, illum il-ġurnata, għandha ukoll ir-responsabbiltà li tamministra l-Att dwar il-Finanzjament tal-Partiti Politiċi. Dan jinkludi kemm il-proċess tar-reġistrazzjoni tal-partiti politiċi kif ukoll is-sorveljanza tal-finanzjament tagħhom, inkluż tal-kandidati fl-elezzjonijiet diversi[37].

Nifhmu l-kuntest storiku dwar kif żviluppa l-proċess tal-ħatra tal-Kummissjoni Elettorali. Dan iżda mhux aċċettabbli fiż-żmijijiet tal-lum. Il-materja tassumi sinifikat iktar gravi meta wieħed iqis li l-Kummissjoni Elettorali għandha, s'issa, l-inkarigu li tamminsitra l-liġi dwar il-finanzjament tal-partiti u allura rappreżentanti ta' żewġ partiti politiċi rappreżentati fil-Kummissjoni Elettorali qegħdin fis-sitwazzjoni li jirregolaw lill-partiti politiċi kollha, kemm dawk li innominawhom kif ukoll lill-bqija.

Għandu jkun il-Parlament li jaħtar il-Kummissjoni Elettorali, u din għandha tirraporta lura lill-istess Parlament. Fil-ħatra tal-membri tal-Kummissjoni Elettorali m'għandhomx jinħatru persuni li f'xi żmien kienu attivi fil-partiti politiċi inkella li kienu kandidati f'isimhom. Il-ħatra

[37] Ara Att dwar il-Finanzjament tal-Partiti Politiċi. Kap 544.

ta' persuni bħal dawn bħala membri tal-kummissjoni twassal messaġġ wieħed, li l-partiti politiċi jħarsu lejn il-Kummisjsoni Elettorali bħala l-lunga manus tagħhom.

**Il-ħdax-il proposta għaldaqstant hi li l-Kummissjoni Elettorali ma' tibqax tinħatar fuq parir tal-Prim Ministru imma b'deċiżjoni tal-Parlament. Il-Parlament fil-ħatra tal-membri tal-Kummissjoni Elettorali m'għandux jaħtar persuni li kienu attivi fil-partiti politiċi inkella li kienu kandidati f'isimhom.**

## 14. Il-konfini tad-distretti elettorali

Meta l-Kummissjoni Elettorali tkun tal-fehma li għandu jkun hemm bdil fil-konfini tad-distretti elettorali tiskatta proċedura mfissra dettaljatament fil-Kostituzzjoni[38]. Bħala riżultat ta' dan, il-Kummissjoni Elettorali tibgħat rapport bil-proposta tat-tibdil propost lill-Prim Ministru li imbagħad għandu żmien sakemm iqiegħed dan ir-rapport fuq il-mejda tal-Parlament li sussegwentment jiddeċiedi jekk jaċċettax il-proposta inkella jekk jibgħatiex lura lill-Kummissjoni Elettorali għall-konsiderazzjoni mill-ġdid.

Il-Prim Ministru mhux il-persuna addattata biex tirċievi rapport ta' din ix-xorta u dan minħabba li apparti l-obbligi kostituzzjonali, għandu ukoll simultanjament l-obbligu li jħares l-interessi tal-partit politiku li hu jmexxi. Ikun iktar għaqli li dan ir-rapport li jipproponi tibdil fil-konfini elettorali jgħaddi mill-ewwel għand l-ispeaker li qiegħed f'pożizzjoni ferm aħjar biex iġibu għall-attenzjoni u l-konsiderazzjoni tal-Parlament.

Dan qed ngħiduh avolja illum il-ġurnata l-konfini tad-distretti elettorali m'għadx għandhom l-importanza li kellhom fil-passat biex ikun determinat ir-riżultat elettorali. Imma xorta jistgħu jkollhom impatt sostanzjali fuq kandidati individwali kif ukoll fuq kif jinfirxu jew le l-voti tal-partiti ż-żgħar.

**It-tnax-il proposta għaldaqstant hi li l-Kummissjoni Elettorali m'għandiex tirrapporta lill-Prim Ministru imma direttament lill-ispeaker, li jippresjedi l-Parlament.**

## 15. Votazzjoni fl-Ambaxxati

F'kull elezzjoni niddiskutu kemm jagħmel sens li l-Gvern permezz tal-Air Malta jorganizza vjaġġi sussidjati biex waqt elezzjoni jew referendum din iġġib Malta (u twassal lura) bi ħlas

[38] Artiklu 61 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

issussidjat lil dawk li huma intitolati biex jivvutaw imma li għal xi raġuni jew oħra jkunu barra l-pajjiż fil-ġranet tal-votazzjoni.

Għandu jkun possibbli li l-ambaxxati u konsolati ta' Malta jintużaw bħala ċentri ta' votazzjoni biex il-Maltin bi dritt tal-vot ikunu jistgħu jivvutaw barra minn Malta minflok joqgħodu jinżlu Malta fil-ġranet tal-votazzjoni. Il-Maltin li jgħixu barra, li jkunu irreġistraw mar-rappreżentanzi diplomatiċi Maltin barra, b'hekk ikunu jistgħu jivvotaw fl-eqreb ambaxxata jew konsolat. Alternattivament għandu jkun possibbli li l-vot ikun jista' jkun eserċitat permezz tal-posta.

**It-tlettax-il proposta għaldaqstant hi li l-ambaxxati u konsolati ta' Malta jintużaw bħala ċentri tal-votazzjoni għall-Maltin li għandhom id-dritt tal-vot imma jkunu barra minn Malta waqt elezzjoni jew referendum.**

**L-erbatax-il proposta għaldaqstant hi li bħala alternattiva għall-proposta preċedenti għandu jkun possibbli li l-vot ikun eżerċitat bil-posta.**

## 16. Is-Servizz Pubbliku

Is-servizz pubbliku qiegħed hemm biex iservi lill-pajjiż kollu u mhux bħala l-*lunga manus* tal-partit politiku li jkun qed imexxi l-Gvern.

Il-Prim Ministru, bħala Kap tal-Gvern għandu l-obbligu li dwar ħatra, tneħħija u/jew dixxiplina ta' uffiċjali pubbliċi jaġixxi fuq il-parir tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku[39], kummissjoni imwaqqfa bil-Kostituzzjoni. Din il-kummissjoni twaqqfet għall-ewwel darba bil-Kostituzzjoni tal-1959 u imbagħad ġiet inkorporata ukoll fil-Kostituzzjoni tal-1961 kif ukoll fil-Kostituzzjoni attwali bl-iskop li s-servizz pubbliku jkun protett mill-indħil tal-politika tal-partiti.

Hu ċar li l-Kostituzzjoni, kif għandu jkun, trid lis-servizz pubbliku jkun insulat mill-politika partiġġjana. Is-servizz pubbliku qiegħed hemm biex iservi lill-pajjiz kollu. Jagħmel dan billi jwettaq il-politika tal-Gvern tal-ġurnata fil-kuntest tal-liġijiet tal-pajjiż u l-obbligi internazzjonali tiegħu. Hu neċessarju li s-servizz pubbliku jkollu s-serentità li jaġixxi mingħajr indħil ta' politika partiġġjana ta' kull xorta.

Il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku illum il-ġurnata tinħatar[40] mill-President tar-Repubblika fuq parir tal-Prim Ministru wara li dan ikun ikkonsulta mal-Kap tal-Oppożizzjoni. Anke it-tneħħija ta' membru tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku hi fis-setgħa tal-Prim Ministru għax isseħħ b'azzjoni tal-President tar-Repubbika fuq parir tal-Prim Ministru.

[39] Ibid artiklu 110
[40] Ibid artiklu 109

Alternattiva Demokratika hi tal-fehma li jeħtieġ li nżommu quddiem għajnejna li l-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku teżisti biex tiggarantixxi l-indipendenza, jew forsi aħjar, in-newtralità politika tas-servizz pubbliku. Minkejja dan, imma, xorta kien possibbli li tul is-snin, li Gvernijiet differenti jaħtru Segretarji Permanenti li bosta drabi inħatru fuq kriterji politiċi u mhux neċessarjament dawk ta' kompetenza. Bl-istess mod kien possibbli li b'daqqa ta' pinna l-Gvern itajjar kważi s-Segretarji Permanenti kollha l-għada tal-elezzjoni ġenerali tal-2013. Dan mhux aċċettabbli. Imma l-fatt li l-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku ħalliet illi jsir jixhed kemm din il-Kummissjoni hi prattikament ineffettiva.

Filwaqt li ġustament nippretendu li is-servizz pubbliku, fil-livelli kollha tiegħu, ikun politikament newtrali, f'pajjiż li għadu ippolarizzat dan hu minnu innifsu ftit diffiċli. Imma azzjonijiet bħal dawn jagħmluha ferm iktar diffiċli.

Huwa għal dawn ir-raġunijiet li Alternattiva Demokratka hi tal-fehma illi l-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku għandha tinħatar minn u tkun responsabbli lejn il-Parlament li lilu għandha tirrapporta. Għandu jkun ukoll il-Parlament li jneħħi membru tal-Kummissjoni jekk ikun hemm raġunijiet validi biex dan isir. Dan kollu għandu preferibilment isir b'maġġoranza kkwalifikata.

Il-ħatriet tal-Membri tal-Kummissjoni għandhom isiru wara li jkun hemm skrutinju pubbliku tal-persuni nominati minn kumitat parlamentari. S'issa dan ma jsirx lanqas bil-mod limitat introdott riċentement[41].

**Il-ħmistax-il proposta għaldaqstant hi li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku għandha tinħatar minn u tirrapporta lill-Parlament. Il-ħatra għandha preferibilment issir b'maġġoranza kwalifikata.**

## 17. Is-saltna tad-dritt u l-ħatriet

Il-prinċipju tas-saltna tad-dritt hu fundamentali f'demokrazija. Mhux biżżejjed imma li hu miktub b'mod ċar fil-liġijiet u fil-Kostituzzjoni tagħna. Jeħtieġ li jkun rifless ukoll fid-diskors (politiku u mhux) li jingħad kontinwament, primarjament f'kuntest tal-kontroversji politiċi ma jaqgħtu xejn. Ifisser ukoll li l-uffiċjali pubbliċi jagħmlu u jitħallew jagħmlu xogħolhom, skont l-inkarigu li għandhom, mingħajr biża' jew favur.

Għax is-saltna tad-dritt fl-aħħar minn l-aħħar tiddgħajjef meta persuni f'posizzjoni ta' responsabbilità jitkellmu bl-addoċċ kif ukoll meta l-istituzzjonijiet joqgħodu lura milli jagħmlu xogħolhom. Ma hemmx bżonn emendi kostituzzjonali profondi biex dan ikun indirizzat imma hemm ħtieġa ta' iktar attenzjoni meta jintagħżlu dawk li jmexxu l-istituzzjonijiet. Għax il-

[41] Att II tal-2018 : Att sabiex jemenda l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika Kap 497.

falliment fit-tmexxija u t-tħaddim tal-istituzzjonijiet kif ukoll fil-ħidma ta' uffiċjali pubbliċi ewlenin hu l-kawża prinċipali għax is-saltna tad-dritt f'Malta hi dgħajfa.

Għandna ħafna liġijiet tajbin imma sfortunatament mhux dejjem jintagħżlu l-persuni addattati biex imexxuhom. Dan jgħodd għall-istituzzjonijiet kollha fil-pajjiż mill-Qrati sal-iċken Bord.

Repetutament Alternattiva Demokratika insistiet li l-ħatriet pubbliċi ewlenin m'għandhomx isiru mill-Gvern imma mill-Parlament u li dawn il-ħatriet għandhom ikunu mgħarbla sewwa fl-ikbar dettall possibbli waqt laqgħat pubbliċi. Alternattiva Demokratika tippreferi s-sistema ta' smiegħ pubbliku fl-istil addottata mill-Kumitati tas-Senat Amerikan, b'mod li l-Parlament, direttament jew inkella permezz ta' Kumitat Magħżul jiddeċiedi dwar il-ħatriet u jkun meħtieġ li jagħti l-kunsens tiegħu biex isiru l-ħatriet, u mhux sempliċiment jagħti parir dwar il-ħatriet proposti li jkollu quddiemu.

L-Avukat Ġenerali, il-Kummissarju tal-Pulizija u s-Segretarji Permanenti fil-Ministeri kollha, inkluż is-Segretarju Permanenti Ewlieni, per eżempju, huma qaddejja tal-pajjiż u mhux tal-Kabinett. Il-Parlament, direttament inkella permezz ta' Kumitat Magħżul tiegħu, għandu jkun f'pożizzjoni li jeżamina fi smiegħ pubbliku lill-persuni li jkunu ikkunsidrati għal dawn il-ħatriet u jiddeċiedi dwarhom. Huwa tajjeb kieku jkun hemm kunsens dwar dawn il-ħatriet, imma naħsbu li bħala l-ewwel pass, li jkunu skrutinati fil-pubbliku jkun pass kbir 'il quddiem. Il-Parlament m'għandux sempliċiment jagħti parir imma għandu jiddeċiedi.

Saru diġà proposti dwar il-ħtieġa tal-approvazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Ġenerali b'maġġoranza ta' żewġ terzi. Nifhmu l-proposta minħabba s-sensittività tal-karigi involuti imma naħsbu li jrid jgħaddi ż-żmien biex b'maturità naslu sa dan il-punt.

L-iskrutinju pubbliku, meta jsir bis-serjetà, huwa effettiv għax jaf joħroġ it-tajjeb kif ukoll il-ħażin tal-kandidat taħt eżami b'mod li min għandu x'jaħbi jwarrab flok iħalli lil min jimbuttah 'il quddiem. Dan jiddependi ukoll minn sens ta' responsabbiltà ta' min jagħmel l-iskrutinju. li għandu jkun iebes, mingħajr kompromessi, imma ukoll b'sens ta' proporzjon.

Fil-bidu tal-2018 ġie emendat l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika[42] biex ħoloq forma dgħajfa ta' skrutinju pubbliku ta' ħatriet politiċi quddiem Kumitat Parlamentari għall-Ħatriet Pubbliċi[43]. Kien pass 'il quddiem, avolja kien ftit fjakk u dan billi l-iskrutinju li qed isir jista' jsir ħafna aħjar.

Il-ħatriet fis-servizz diplomatiku[44] li l-emendi fil-liġi jesiġu li jkunu skrutinati huma dawk ta' persuni li jkunu ġejjin minn barra s-servizz pubbliku, dawk li komunement nirreferu għalihom bħala ħatriet politiċi. Ma hemm l-ebda dubju li dawn it-tip ta' ħatriet għandhom ikunu

---

[42] Att II tal-2018 : Att sabiex jemenda l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika Kap 497.
[43] Artiklu 48A tal-Att dwar l-Ammiistrazzjoni Pubblika. Kap 497.
[44] Artiklu 48B u l-Ewwel Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap 497 jispjegaw li dawn huma ħatriet ta' "Ambaxxaturi, Kummissarji Għolja jew rappreżentanti prinċipali ta' Malta għal pajjiżi fejn huma maħtura bħala Ambaxxaturi residenti,Kummissarji Għolja jew rappreżentanti prinċipali."

skrutinati imma mhux aċċettabbli li jkunu biss dawk li ġejjin minn barra s-settur pubbliku jew dawk li jkun propost li jkunu residenti fejn ikun propost li jinħatru li jkunu skrutinati. L-iskrutinju għandu jsir għall-ħatriet kollha ta' Ambaxxaturi, Kummissarji Għolja jew rappreżentanti prinċipali irrispettivament jekk humiex diġà fis-servizz pubbliku.

Għax l-iskop ta' skrutinju hu biex tkun determinata l-kompetenza, sens ta' tmexxija ġusta u d-disposizzjoni etika tal-kandidati u dawn il-kwalitajiet huma meħtieġa minn dawk kollha li jkunu ikkunsidrati għall-ħatra, irrispettivament minn fejn ġejjin.

Il-liġi imbagħad issemmi l-karigi ewlenin f'numru ta' istituzzjonijiet[45] li huma soġġetti għall-iskrutinju mill-Kumitat għall-Ħatriet Pubbliċi tal-Parlament. Dan huwa tajjeb bħala l-ewwel pass. Imma jeħtieg li l-lista tinkludi ukoll il-membri kollha tal-Bordijiet u jew Awtoritajiet għax mhux biss iċ-Chairman jew l-Uffiċjal Ewlieni jeħtieġ li jkun kompetenti u li jkollu sens ta' tmexxija ġusta u etika.

Wara kollox mhux sigriet tal-istat li kellna kumpanija privata immexxija minn membru tal-Awtorità tal-Ippjanar[46] li weħlet multa dwar ħasil ta' flus u qisu ma ġara xejn dwar dan sakemm kien kostrett li jirreżenja[47] mill-Bord fejn kien maħtur, imma għal raġuni oħra, daqstant ieħor gravi: għax ħa sehem fid-deċiżjoni dwar applikazzjoni li dwarha kellu kunflitt ta' interess.

Fi ftit kliem dawk kollha li jingħataw l-inqas setgħa bħala membri ta' kwlaunkwe Bord jew Awtorità għandhom ikunu skrutinati. Li kieku dan sar tul is-snin, numru mhux żgħir ta' ħatriet, bla dubju, ma kienux isiru.

**Is-sittax-il proposta għaldaqstant hi li l-ħatra tal-Avukat Ġenerali, tal-Kummissarju tal-Pulizija u tas-Segretarji Permanenti fil-Ministeri kollha għandhom ikunu approvati mill-Parlament u li deċiżjoni dwar dan għandha tittieħed wara li jsir skrutinju pubbliku ta' dawk nominati.**

**Il-sbatax -il proposta għaldaqstant hi li l-ħatriet kollha ta' Ambaxxaturi, Kummissarji Għolja u Rappresentanti Permanenti għandhom ikunu approvati mill-Parlament u li deċiżjoni dwar dan għandha tittieħed wara li jsir skrutinju pubbliku ta' dawk nominati.**

---

[45] Gvernatur tal-Bank Ċentrali, Chairman tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, iċ-Chairperson tal-Awtorità għat-Trasport f' Malta, iċ-Chairperson tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, iċ-Chairperson tal-Awtorità Maltija dwar il-Logħob, iċ-Chairperson tal-Bord tal-Ippjanr tal-Awtorità Maltija tal-Ippjanar, iċ-Chairperson tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, Il-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji, Ic-Chairperson tal-Awtorità tal-Artijiet, Iċ-Chairman tal-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Awtorità dwar il-Mediċini, Iċ-Chairperson tal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta, Iċ-Chairman tal-Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla, Iċ-Chairman tal-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni FinanzjarjaIl

[46] https://timesofmalta.com/articles/view/money-laundering-breaches-at-firm-used-for-keith-schembri-investments.681877

[47] https://timesofmalta.com/articles/view/matthew-pace-quits-planning-authority-board.723034

**It-tmintax-il proposta għaldaqstant hi li l-ħatriet tal-membri kollha tal-Bordijiet b'poteri eżekuttivi għandhom ikunu approvati mill-Parlament u li deċiżjoni dwar dawn għandha tittieħed wara li jsir skrutinju pubbliku ta' dawk nominati.**

## 18. Il-ħatriet politiċi fis-settur pubbliku (*positions of trust*)

Il-ħatriet politiċi fis-settur pubbliku qed isiru illum u kienu jsiru il-bieraħ ukoll. Imma dawn il-ħatriet, magħrufa ukoll bħala ħatriet f'*positions of trust* huma ipprojibiti li jsiru mill-Kostituzzjoni li tipprovdi dwar il-mod kif isiru l-ħatriet fis-settur pubbliku. Repetutament il-Gvernijiet differenti injoraw dak li tgħid il-Kostituzzjoni f'dan ir-rigward u impjegaw fis-settur pubbliku persuni minħabba l-lealtà politika tagħhom biex joperaw f'oqsma meqjusa politikament sensittivi.

Fl-Ombudsplan għall-2008[48], l-Ombudsman kien stqarr li kellu parir awtorevoli illi dawn il-ħatriet kienu irregolari. Riċentment dan kien emfasizzat ukoll mill-Kummissjoni Venezja li temfasizza illi fi stat demokratiku soġġett għas-saltna tad-dritt, is-serviżż pubbliku hu s-sinsla. Sinsla li tiddgħajjef jekk l-ingaġġ a bażi tal-mertu jingħata l-ġemb.[49] Dan eżattament li qed isir b'dawn il-ħatriet f'*position of trust* għax ir-relevanza tal-mertu titqies bħala sekondarja għal-lealtà politika.

Ilkoll nirrikonoxxu li hemm eċċezzjoni waħda aċċettabbli għal dan kollu, u ċjoe dawk li jaħdmu fis-Segretarjat Privat tal-Ministri u s-Segretarji Parlamentari. Imma mhux aċċettabbli li din l-eċċezzjoni tkun estiża u li tinfirex mas-servizz pubbliku b'mod li għandna madwar 700 persuna ingaġġata b'dan il-mod.

Sfortunatament f'materji bħal din il-Partit Laburista u l-Partit Nazzjonalista, mill-Oppożizzjoni jikkritikaw lil xulxin, imma imbagħad qatt ma għamlu xejn definittiv mill-Gvern biex din il-prattika tinqata' darba għal dejjem. Kontinwament jingħata l-messaġġ li sakemm hu possibbli li jkun hemm alternanza tal-użu ta' dawn il-ħatriet abbużivi, qisu ma ġara xejn.

Dan kollu l-Kostituzzjoni diġa tipprojibieh u allura strettament ma hemmx bżonn emendi! Li hemm bżonn hu li s-saltna tad-dritt tirrenja tabilħaqq u li allura tkun rispettata l-Kostituzzjoni. Hemm bżonn ukoll li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tissorvelja aħjar u tieħu passi kontra dan l-abbuż u mhux tibqa' ċassa quddiemu.

---

[48] Ombudsplan 2018

[49] "any exception to procedures that provide for appointments on merits are a danger to the quality of the civil service, which is the backbone of a democratic state under the rule of law." European Commission for Democracy through Law (Venice Commission): **Malta. Opinion on Constitutional Arrangements and Separation of Powers and the Independence of the Judiciary and Law Enforcement.** Paġna 25. Ara https://www.venice.coe.int/webforms/documents/?pdf=CDL-AD(2018)028-e

**Id-dsatax-il proposta għaldaqstant hi li l-ħatriet politiċi (*positions of trust*) fis-settur pubbliku għandhom ikunu eċċezzjoni limitata għall-ingaġġ fis-segretarjat privat tal-Ministri u s-Segretarji Parlamentari. Il-projbizzjoni ta' dawn il-ħatriet għandha tkun imsaħħa billi jkun ċar li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku għandha ukoll l-inkarigu dwar dan.**

## 19. Ix-Xandir

Il-PLPN għandu kontroll sħiħ tax-Xandir fil-pajjiż. L-Awtorità tax-Xandir hi magħmul minn persuni li huma soġġetti għal ħatra politika.[50] Jinħatru mill-President tar-Repubblika fuq parir tal-Prim Ministru wara li dan ikun ikkonsulta mal-Kap tal-Oppożizzjoni. Tul is-snin żviluppat il-prassi li żewġ membri jinħatru mill-Prim Ministru filwaqt li tnejn oħra jinħatru mill-Kap tal-Oppożizzjoni. Iċ-Chairman tal-Awtorità imbagħad jinħatar mill-Prim Ministru. Każ ieħor fejn tirrenja viżjoni ristretta għal żewġ partiti politiċi. Ma jeżisti ħadd iktar. Lanqas is-soċjetà ċivili.

Dan il-kontroll tax-xandir miż-żewġ partiti politiċi fil-Parlament trid tħares lejh ukoll fil-kuntest tal-liċenzji li għandhom l-istess partiti politiċi għal stazzjon tat-television u ieħor tar-radju kull wieħed. Filwaqt li nifhmu li dan kollu hu riżultat ta' kif żviluppat il-politika fil-pajjiż tul dawn l-aħħar ħamsin sena, Alternattiva Demokratika hi tal-fehma li wasal iż-żmien li ndaħħlu ftit sens fil-politika dwar ix-xandir fil-pajjiż.

F'demokrazija ma jagħmilx sens li jkollna stazzjonijiet tat-TV u tar-radju immexxija u kkontrollati minn partiti politiċi. L-istazzjon tat-TV u tar-radju suppost li qegħdin hemm biex jinfurmaw, jedukaw, u ukoll biex joħolqu divertiment imma ukoll u forsi fuq kollox biex ikunu strument ta' kontabilità b'ġurnaliżmu serju li janalizza u jinforma.

Mid-divertiment m'aħniex nieqsa, imma l-element ta' ġurnaliżmu serju u analitiku li jesiġi l-kontabilità huwa kompletament assenti mill-istazzjonijiet politiċi. Anke l-element informattiv fl-istazzjonijiet politiċi huwa korrott billi l-aħbar, meta tingħata, hi ġeneralment waħda minn lenti imtappna u partiġġjana. Huma esklużi ukoll l-aħbarijiet li ma jdoqqux għal-linja editorjali tat-tmexxija politika tal-istazzjon. Għax l-ewwel u qabel kollox l-istazzjonijiet tar-radju u tat-TV tal-partiti politiċi huma stazzjonijiet ta' xandir politiku: għodda ta' propaganda mhux għodda ta' informazzjoni.

L-Awtorità tax-Xandir għandha l-obbligu kostituzzjonali[51] li "safejn hu possibbli" tara li s-servizzi tar-radju u t-televiżjoni fil-gżejjer Maltin iżommu imparzjalità fuq materji ta' kontroversja politika.

---

[50] Artiklu 118 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

[51] Ibid artiklu 119

Fil-ħidma tagħha l-Awtorità tax-Xandir ġeneralment timxi bl-ingwanti mal-istazzjonijiet politiċi. Għax l-imparzjalità għalihom ma teżistix. Bħal donnu li hu meqjus li l-eċċessi ta' naħa huma kkanċellati mill-eċċessi tan-naħa l-oħra u b'hekk ikun restawrat bilanċ artifiċjali. Dan hu stat ta' fatt li jeżisti s-sena kollha, imma l-iktar li hu ovvju huwa waqt kampanja elettorali għax inkunu soġġetti għal bumbardament partiġġjan kontinwu u li ma jaqta' xejn.

Ovvjament dawn l-eċċessi jikkanċellaw lil xulxin jekk tqis li jeżistu biss żewġ opinjonijiet. Meta tqis li hawn ferm iżjed opinjonijiet minn hekk, mhux biss riżultat ta' pluralità ta' partiti politiċi imma ukoll frott ta' soċjetà ċivili attiva, malajr tikkonkludi kemm l-Awtorità tax-Xandir mhux qed taqdi dmirha.

Għaldaqstant Alternattiva Demokratika hi tal-fehma li l-liċenzji tal-istazzjonijiet politiċi għandhom jinġiebu fit-tmiem. Dan jista' jsir f'kuntest ta' riforma tax-xandir pubbliku li jassigura rwol editorjali f'idejn persuni ta' ideat varji u li għandu jwassal għal xandir pubbliku distakkat mill-Gvern tal-ġurnata u mmexxi minn xandara professjonali.

Irridu nqisu ukoll li l-istazzjonijiet politiċi jiddependu għall-eżistenza tagħhom mhux biss fuq id-dħul mir-reklami imma ukoll fuq id-donazzjonijiet politiċi li jiġbru l-partiti. Huma piż kbir f'dan is-sens ikun tajjeb li jonqos.

L-aċċess għax-xandir m'għandux jiddependi fuq ir-rappreżentanza parlamentari iżda għandu jitwessa' għall-partiti politiċi kollha reġistrati kif ukoll għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jirrispettaw il-Kostituzzjoni u li ma jxerrdux mibegħda razzjali kontra l-minoranzi jew il-gruppi etniċi, il-kulturi u l-identitajiet.

**L-għoxrin proposta għaldaqstant hi li l-Awtorità tax-Xandir għandha tinħatar minn u tirrapporta lill-Parlament li għandu jassigura li l-għażla ta' dawk li jmexxu l-Awtorità ma tkunx limitata għar-rappreżentanza parlamentari iżda li jkollha firxa ikbar mhux biss politika imma ukoll fost is-soċjetà ċivili.**

**Il-wieħed u għoxrin proposta għaldaqstant hi li l-istazzjonijiet tar-radju u televiżjoni tal-partiti politiċi għandhom jispiċċaw.**

## 20. Ir-Reliġjon fil-Kostituzzjoni

Il-valuri u l-aspirazzjonijiet tal-poplu Malti illum, huma bla dubju differenti milli kienu meta tfasslet il-Kostituzzjoni oriġinalment fl-1964. Dakinhar il-pajjiż kien fl-aħħar jiem tiegħu bħala kolonja, filwaqt li illum ilu iktar minn 55 sena indipendenti.

Id-dikjarazzjoni ta' fatt li r-reliġjon ta' Malta kienet dik Kattolika Appostolika Rumana daħlet fil-Kostituzzjoni ta' Malta fis-snin għoxrin u baqgħet f'kull Kostituzzjoni minn dakinhar lil hawn. Dakinhar, ma kien hemm l-ebda provediment dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-Kostituzzjoni li l-kontenut tagħha kien ikun determinat mill-Gvern Imperjali Brittaniku.

Ir-reliġjon kienet parti importanti mill-ħajja ta' kuljum. Dik kienet ir-realtà. Illum wara kważi mitt sena hi bla ebda dubju ta' importanza periferali. Huwa aċċettat minn bosta li l-istat illum m'għandux jintrabat ma xi denominazzjoni reliġjuża partikolari. Għax fir-realtà, illum, l-istat hu wieħed lajk imnebbaħ minn pluralità ta' valuri etiċi. Il-pluraliżmu jmur lil'hinn mix-xandir ta' ilħna differenti fuq ir-radjijiet u l-istazzjonijiet tat-TV. Hu rifless ukoll fl-istil tal-ħajja addottat min-numru dejjem jikber ta' Maltin u Għawdxin, influwenzat ukoll min-numru dejjem jikber ta' persuni ġejjin minn kulturi differenti li għażlu li jitfgħu l-ankri fostna.

Pajjiżna qed jinbidel kontinwament. Kultant bil-mod, drabi oħra b'għaġġla kbira. Huma bidliet li qed iħaddan il-poplu Malti kontinwament. Bidliet li żiedu fir-ritmu hekk kif Malta issieħbet fl-Unjoni Ewropea u daħlet fis-seklu wieħed u għoxrin, però l-iktar mill-approvazzjoni tar-referendum dwar id-divorzju fl-2011.

Il-pajjiż hu illum wieħed lajk u l-Kostituzzjoni għandha tagħraf dan il-fatt billi tħassar kompletament l-artiklu 2 tal-Kostituzzjoni li illum il-ġurnata hu anakroniżmu. Dan ma jfissirx li m'għandniex nirrikonoxxu l-kontribut li t-twemmin nisrani ta' għall-iżvilupp tal-komunità Maltija. Għandna nibqgħu naffermaw ir-rispett sħiħ lejn kull reliġjon u twemmin[52]. Il-libertà reliġjuża għal kulħadd hi diġà garantita bil-provedimenti dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-Kostituzzjoni, li għal iktar minn tletin sena huma mirfuda mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

F'dan il-kuntest hu pożittiv dak li stqarr madwar tmintax-il xahar ilu Mons Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta, li l-Knisja f'Malta filwaqt li ma taqbilx ma din il-proposta mhux se tagħmel kruċjati[53] .

---

[52] Vot Alternattiv Vot Nadif. Manifest Elettorali 2017. Alternattiva Demokratika-The Green Party.p.6 . Aċċessibli fuq is-sit : http://www.alternattiva.org.mt/2point3/wp-content/uploads/2011/08/AD-Manifest-Elettorali-2017.pdf

[53] Ara **Malta Today** 20 ta' Jannar 2018: "Church won't carry out crusade against removal of Catholicism from Constitution". https://www.maltatoday.com.mt/news/national/83834/church_wont_carry_out_crusade_against_removal_of_catholicism_from_constitution#.XXXUqm5uLIV

**It-tnejn u għoxrin proposta għaldaqstant hi li għandu jkun affermat li l-istat Malti hu wieħed lajk u li l-artiklu 2 tal-Kostituzzjoni għandu jkun imħassar fit-totalità tiegħu.**

## 21. Is-sussidjarjetà

Fis-sena 2001 kienet ġiet emendata l-Kostituzzjoni biex ġie introdott artiklu ġdid, 115A[54], li b'mod ġenerali jagħti rikonoxximent kostituzzjonali lill-Kunsilli Lokali.

Dan kien pass 'il quddiem imma mhux biżżejjed, għax mhux il-Kunsilli Lokali fihom infushom li jeħtieġu ir-rikonoxximent imma l-funzjoni tagħhom li fil-lokalità jkunu il-Kunsilli li jiddeċiedu u jmexxu l-affarijiet lokali. Għax x'jiswa' li tkun garantita l-esistenza tal-Kunsilli Lokali biex imbagħad ikunu trasformati fi *front office* tal-*customer care* tal-Gvern?

Għalhekk is-sussidjarjetà. Is-sussidjarjetà hi prinċipju politiku dwar l-organizzazzjoni soċjali li jfisser li d-deċiżjonijiet politiċi u soċjali, safejn hu possibbli, jittieħdu l-eqreb possibbli lejn dawk effettwati. Dan ma jgħoddx biss għall-qasam tal-kunsilli lokali imma hu prinċipju bażiku b' impatt konsiderevoli fuq l-amministrazzjoni pubblika. Huwa applikabbli ukoll fid-difiża tar-rwol tal-familja, mhux biss dik tradizzjonali imma ukoll fil-forom ġodda li qed jiżviluppaw u li qed ikunu rikonoxxuti gradwalment.

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà hu l-iktar żviluppat fl-istati hekk imsejħa Ġermaniċi tal-Ewropa u ċjoè l-Ġermanja, l-Awstrija u l-Iżvizzera, liema pajjiżi għandhom qafas ta' Gvern Lokali u Reġjonali b'saħħtu u bħala riżultat ta' dan ir-responsabbilitajiet u l-poteri huma mifruxa.

L-amministrazzjoni pubblika teħtieġ li tkun l-iktar viċin possibbli taċ-ċittadin: min jamministra u jiddeċiedi għandu jkun l-iktar qrib possibbli ta' min hu affettwat mid-deċiżjonijiet. L-eċċezzjonijiet għandhom ikunu rari u altru milli ġustifikati.

Jacques Delors, li kien President tal-Kummissjoni Ewropeja bejn l-1985 u l-1995 kien jemfasizza li : is-sussidjarjetà ma tillimitax biss l-intervent ta' l-ogħla awtorità f'dak li kull persuna jew komunità tista' tiddeċiedi hi innifisha, imma hi ukoll dover ta' din l-istess awtorità biex taġixxi b'mod li lil din il-persuna jew komunità tgħinhom biex iwettqu l-ħolm tagħhom."

Dan jitfa dawl fuq żewġ aspetti tas-sussidjarjetà. L-ewwel li ħlief f'każijiet eċċezzjonali l-ogħla awtorità ma jindaħalx fejn ma jesgħahiex fil-ħidma ta' awtoritajiet oħra taħtha. It-tieni : l-obbligu li tgħin biex tinkoraġixxi l-kisba tal-awtonomija.

---

[54] Att XIII tal-2001 : Att biex jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta

Bħala parti mir-riforma riċenti tal-Kunsilli Lokali l-Gvern kien ippubblika White Paper[55] li fiha kien ġie propost li l-artiklu 115A tal-Kostituzzjoni, li diġa kien jirreferi għall-Kunsilli Lokali, jkun emendat biex jiżdied rikonoxximent kostituzzjonali tal-Gvern Reġjonali. Din il-proposta ma ġietx inkluża fl-abbozz ta' Liġi eventwali u lanqas ma tinstab fil-liġi finali kif approvata[56].

Bħala parti mill-ezerċizzju ta' konsultazzjoni pubblika Alternattiva Demokratika kienet ippubblikat dokument[57] li jfisser b'mod dettaljat il-pożizzjoni tagħha dwar ir-riforma proposta. Fost il-proposti ta' Alternattiva Demokratika ninsistu li jekk verament irridu nipproteġu b'mod kostituzzjonali l-Gvern Lokali hemm ħtieġa li l-Kostituzzjoni taddotta l-prinċipju tas-sussidjarjetà bħala gwida għall-amministrazzjoni tal-pajjiż. Għax hija l-funzjoni tal-Kunsilli Lokali l-iktar li teħtieġ protezzjoni, u l-funzjoni reali tal-Kunsilli Lokali hi li twassal it-teħid tad-deċiżjonijiet lejn dawk l-iktar affettwati. Huwa l-ħarsien u l-implimentazzjoni ta' dan il-prinċipju bażiku li l-iktar li huwa meħtieg.

Għax, ngħiduha kif inhi: x'sens jagħmel li ninsistu bħala pajjiż żgħir membru tal-Unjoni Ewropea li l-Unjoni Ewropea timplimenta dan il-prinċipju fil-ħidma tagħha biex imbagħad aħna stess imwarrbuħ u nirreżistu li jkun applikat 'il ġewwa minn xtutna?

Illum il-ġurnata l-prinċipju tas-sussidjarjetà hu parti integrali mit-trattati Ewropej[58] u dan huwa meqjus bħala garanzjija li l-Unjoni Ewropea ma tindaħalx fejn m'għandiex fit-tmexxija tal-istati membri. Id-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu f'livell nazzjonali[59] ma jistgħux minflok ikunu ikkunsidrati f'livell Ewropew.

Waqt il-proċess ta' konsultazzjoni pubblika dwar ir-riforma tal-Gvern Lokali, Alternattiva Demokratika kienet insistiet li l-Kostituzzjoni ta' Malta għandha tpoġġi "l-prinċipju tas-sussidjarjetà bħala linja gwida kostituzzjonali u punt ta' referenza għall-amministrazzjoni pubblika. L-istess kif illum il-ġurnata jagħmlu t-trattati Ewropej sa mit-trattat ta' Maastricht u kkonsolidata permezz tat-trattat ta' Liżbona. Għandna nfittxu l-konsistenza. L-insistenza li l-

---

[55] **Riforma Gvern Lokali. White Paper maħruġa mis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet fi ħdan il-Miisteru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali**. Ottubru 2018

[56] Att XIV tal-2019 : Att biex ikompli jemenda l-Att dwar il-Kunsilli Lokali, Kap 363.

[57] **Ir-riforma tal-Kunsilli Lokali. Il-viżjoni tagħna.** Alternattiva Demokratika. 13 ta' Novembru 2018, paġna 7. Aċċessibli fuq http://www.alternattiva.org.mt/2point3/wp-content/uploads/2018/11/AD_Riforma-Kunsilli-Lokali.pdf

[58] Trattat ta' Liżbona artiklu 5(3): Under the principle of subsidiarity, in areas which do not fall within its exclusive competence, the Union shall act only if and in so far as the objectives of the proposed action cannot be sufficiently achieved by the Member States, either at central level or at regional and local level, but can rather, by reason of the scale or effects of the proposed action, be better achieved at Union level.

[59] Ara per eżempju id-dokument COM (2018) 713: Communication from the Commission to the European Parliament, The European Council, The Council, The European Economic and Social Committee and the Committee of the Regions. The principles of subsidiarity and proportionality: Strengthening their role in the EU's policymaking. 23 ta' Ottubru 2018 aċċessibli fuq is-sit segwenti: https://ec.europa.eu/info/publications/communication-principles-subsidiarity-and-proportionality-strengthening-their-role-eu-policymaking_en .

Unjoni Ewropea timplimenta dejjem iżjed il-prinċipju tas-sussidjarjetà għandna nżewġuha ma determinazzjoni li dan jitħalla jrabbi għeruq fondi f'pajjiżna ukoll."[60]

**Il-sittax-il proposta għaldaqstant hi li l-prinċipju tas-sussidjarjetà għandu jkun introdott fil-Kostituzzjoni ta' Malta bħala linja gwida kostituzzjonali għall-amministrazzjoni pubblika tal-pajjiż.**

## 22. Il-ħatra tal-ġudikatura

Sal-2016 mhux magħruf xi skrutinju kien isir qabel ma jinħatru membri tal-ġudikatura. Hu ovvju li xi forma ta' skrutinju kien isir imma x'kienu l-kwalitajiet imfittxija mhux magħruf.

Fl-2016 bl-approvazzjoni tal-Att dwar Riformi Kostituzzjonali (Qasam tal-Ġustizzja) sar pass żgħir 'il quddiem billi nħolqot struttura separata mill-Eżekuttiv: il-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura.[61]

Qed ngħidu pass żgħir 'il quddiem għax din il-liġi introduċiet l-obbligu ta' skrutinju ta' dawk li juru interess li jintagħżlu bħala membri tal-ġudikatura. Imma dan mhux biżżejjed għax il-konklużjoni tal-iskrutinju setgħet twassal biss għal rakkomandazzjoni lill-Eżekuttiv li żamm f'idejh id-dritt tad-deċiżjoni aħħarija dwar il-ħatra tal-Imħallfin u l-Maġistrati. Fil-każ tal-Prim Imħallef imbagħad, ma inbidel xejn: il-poteri baqgħu kollha f'idejn l-Ezekuttiv.

Għalkemm hemm l-obbligu li l-Eżekuttiv jiġġustifika d-deċiżjoni tiegħu jekk ma jimxix mar-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Ħatriet tal-Ġudikatura xorta l-proċess jibqa' wieħed kontaminat minn assoċjazzjoni mal-Eżekuttiv li żamm id-dritt li jieħu id-deċiżjoni aħħarija.

Alternattiva Demokratika hi tal-fehma li għandna nimxu b'mod gradwali lejn is-sistema kontinentali ta' awto-regolamentazzjoni tal-ġudikatura. Mhiex qalba li tista' issir mil-lum għal għada imma li trid issir fuq numru ta' snin. Hemm numru ta' punti li għandhom ikunu ikkunsidrati.

Il-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura m'għandux iktar jirrakkomanda lill-Eżekuttiv, iżda għandu minflok jikkomunika l-konklużjonijiet tiegħu lill-President tar-Repubblika li għandu jipproċedi biex ikun hu li effettivament jaħtar. Ikun għaqli li l-President tar-Repubblika jkollu l-poter li jirreferi lura lill-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura jekk ikollu dubju raġjonevoli dwar dak li jkun ġie rakkomandat.

Ħadd m'għandu jkun eskluż mill-iskrutinju, l-anqas l-eventwali Prim Imħallef.

---

[60] **Ir-riforma tal-Kunsilli Lokali. Il-viżjoni tagħna.** Alternattiva Demokratika. 13 ta' Novembru 2018, paġna 7. Aċċessibli fuq http://www.alternattiva.org.mt/2point3/wp-content/uploads/2018/11/AD_Riforma-Kunsilli-Lokali.pdf

[61] Att XLIV tal-2016 li jemenda l-Kostituzzjoni u toħloq liġi dwar il-Pensjonijiet tal-Membri tal-Ġudikatura.

Irridu naraw aħjar il-komposizzjoni tal-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura. Hemm lok għal parteċipazzjoni fih ta' membri tal-ġudikatura kemm dawk attwali imma iktar ta' dawk irtirati, li l-parti l-kbira tagħhom jistgħu jagħtu kontribut ta' utilità kbira.

Il-ħatra tal-membri tal-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura m'għandiex tkun tiddependi mill-Eżekuttiv.

**L-erbgħa u għoxrin proposta għaldaqstant hi li l-ħatriet kollha tal-ġudikatura għandhom fuq perjodu ta' żmien ikunu awto-regolamentati. L-Eżekuttiv m'għandu jkollu l-ebda rwol la f'dawn il-ħatriet u l-anqas fuq l-istrutturi inkarigati biex jagħmlu l-iskrutinju.**

## 23. In-newtralità fil-Kostituzzjoni

L-artiklu numru 1 tal-Kostituzzjoni kien ġie emendat bħala parti mis-soluzzjoni għall-kriżi kostituzzjonali tal-bidu tas-snin tmenin meta ġie introdott subartiklu 3 ġdid f'dan l-artiklu.[62] Dan kien introduċa fil-Kostituzzjoni Maltija l-kunċett tan-newtralità u n-non-alinjament. Hemm ukoll referenza għaż-żewġ super-potenzi li kienu jeżistu dakinnhar.

Apparti dawn l-anakroniżmi hemm ħafna tajjeb f'dak li ġie introdott fl-artiklu 1 tal-Kostituzzjoini fl-1987. Dan għandu jinżamm u jissaħħaħ. Din il-parti tal-Kostituzzjoni għaldaqstant għandha tkun reveduta biex ikun imfisser aħjar kif Malta illum għandha taħdem attivament favur il-paċi, s-sigurtà u l-progress soċjali mingħajr ma tkun bażi militari. Imma għandha titneħħa kull referenza għan-newtralità u n-non alinjament kif ukoll għas-superpotenzi.

**Il-ħamsa u għoxrin proposta għaldaqstant hi l-artiklu 1 tal-Kostituzzjoni għandu jkun revedut biex ineħħi r-referenzi għall-anakroniżmi dwar in-newtralità u is-superpotenzi u jfisser aħjar kif Malta illum għandha taħdem attivament favur il-paċi, s-sigurtà u l-progress soċjali mingħajr ma tkun bażi militari.**

## 24. Drittijiet diġitali

L-interessi ta' dawk li jħaddmu t-teknoloġja diġitali m'għandhom fl-ebda ħin jiġu qabel in-nies. Id-drittijiet fundamentali għandhom ikunu mħarsa anke fil-konfront tat-teknoloġija diġitali.

---

[62] Att IV tal-1987

Dan jgħodd kemm għall-Gvern, permezz tal-awtoritajiet u aġenziji tiegħu, kif ukoll għas-settur privat.

Id-dritt tal-espressjoni b'mod diġitali għandu jitqies bħala estensjoni naturali tad-dritt tal-espressjoni, li hu protett bil-Kostituzzjoni.

L-istess għandu jingħad għad-dritt li nikkomunikaw u nirċievu informazzjoni b'mod diġitali kif ukoll għall-privatezza. Dawn għandhom ikunu mħarsa kostituzzjonalment.

Il-ħarsien tad-data personali illum il-ġurnata hi protetta mill-Kummissarju għall-Ħarsien tad-Data[63]. Għalkemm dan hu pass kbir 'il quddiem, mhux biżżejjed.

Ilkoll għandna nkunu ippreokkupati fuq l-esperimenti, jew kif insejħulhom proġetti pilota, li qed jitħejjew f'isem is-siġurtà u li jagħmlu użu mit-teknoloġija diġitali li tagħraf l-uċuħ. Il-forzi tal-ordni jeħtieġ li jkunu konxji li anke fil-ħarsien tas-sigurtà tagħna għandhom l-obbligu li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali f'kull ħin. It-teknoloġija tas-sorveljanza tal-massa mingħajr kontrolli adegwati għandha l-potenzjal li tittrasforma ruħha fl-għodda perfetta għal stat awtoritarju.

Irridu nkunu mħarsa minn dan il-periklu billi ngħassu iktar fuq l-għassiesa. Ikun xieraq għaldaqstant li l-drittijiet diġitali jingħataw għarfien Kostituzzjonali. Għandu jkun assigurat li l-privatezza, l-aċċess għad-data personali u d-drittijiet ċivili jkunu mħarsa adegwatament mill-invażjoni frontali tat-teknoloġija diġitali.

**Is-sitta u għoxrin proposta għaldaqstant hi li d-drittijiet diġitali jingħataw għarfien kostituzzjonali.**

## 25. L-Ombudsman u l-Awditur Ġenerali

Kemm l-Ombudsman[64] kif ukoll l-Awditur Ġenerali[65] illum il-ġurnata għandhom għarfien Kostituzzjonali. It-tnejn għamlu ħafna xogħol utli u ta' ġid għall-pajjiż.

Hemm lok għal titjib fl-attitudni tal-amministrazzjoni pubblika fil-konfront tagħhom. It-tilwima li kien hemm mal-Ombudsman fl-investigazzjoni li kien qed jagħmel dwar l-Armata għandha tiftħilna għajnejna dwar id-diffikultajiet li jista' joħloq l-Eżekuttiv fil-konfront tal-Ombudsman imma ukoll fil-konfront tal-Awditur Ġenerali.

---

[63] Kariga maħluqa bil-liġi Kap 496: Freedom of Information Act
[64] Artiklu 64A tal-Kostituzzjoni
[65] Artiklu 108 tal-Kostituzzjoni.

Idealment in-nuqqas ta' qbil tal-Eżekuttiv mal-Ombudsman u/jew mal-Awditur Ġenerali tissolva bil-kelma t-tajba u bi speditezza. Imma jekk dan mhux possibbli għandu jkun hemm proċeduri ad hoc. Għax ma jistax ikun li l-Eżekuttiv ikollu l-possibilità li tipparalizza lill-Ombudsman u jew lill-Awditur Ġenerali fil-ħidma tagħhom u dan bil-konsegwenza li iċ-ċittadin li jirrikorri għandhom jibqa' b'xiber imnieħer. Il-Qorti Kostituzzjonali għandu jkollha l-inkarigu li bi speditezza tindrizza l-konflitti istituzzjonali bejn l-Ombudsman/l-Awditur Ġenerali u l-awtoritajiet pubbliċi.

Hu tal-mistħija li l-Ombudsman kellu jmur il-Qorti biex ikun jista' jagħmel xogħolu u jinvestiga l-ilmenti li irċieva dwar promozzjonijiet fl-Armata. Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell, fil-kawża li l-Ombudsman għamel kontra l-Gvern, mogħtija nhar il-31 t'Ottubru 2016[66] tiddokumenta dan il-każ li jkun għaqli kieku ma jirrepetix ruħu. Hemm ħtieġa li dawn it-tip ta' kunflitti jekk jinqalgħu jirrisolvu ruħhom malajr.

Il-karigi tal-Ombudsman u Awditur Ġenerali huma fundamentali f'soċjetà demokratika li tgħozz il-kontabilità u t-trasparenza. Huma għassiesa li jeħtieġu l-għola protezzjoni biex jaħdmu b'serenità. M'għandux ikun l-istat stess li allura joħloq l-ostakli.

F'dan il-kuntest huwa ta' importanza l-prinċipju numru 24 tas-sett ta' prinċipji ta' Venezja dwar il-ħarsien u l-promozzjoni tal-Istituzzjoni tal-Ombudsman [67] liema prinċipju jinsisti li l-iStat mhux biss m'għandu jagħmel l-ebda ostaklu lill-Ombudsman fil-ħidma tiegħu imma għandu jipproteġieh minn kull theddid u ostaklu li jista' jiffaċċja. Dan kollu għandu japplika ukoll għall-Awditur Ġenerali.

**Is-sebgħa u għoxrin proposta għaldaqstant hi għandhom jinħolqu proċeduri kostituzzjonali ad hoc biex bi speditezza jirriżolvu konflitti bejn l-Ombudsman jew l-Awditur Ġenerali u l-Eżekuttiv u dan biex ikun assigurat li f'kull ħin dawn jistgħu jaħdmu mingħajr l-ebda xkiel jew ostaklu.**

## 26. Referendum: propositiv u abrogattiv

L-esperjenza tal-uniku referendum abrogattiv li sar f'Malta hi waħda ħafna għal qalb Alternattiva Demokratika li flimkien mal-għaqdiet ambjentali fil-pajjiz kienet fuq quddiem nett fit-tħaddim ta' din l-għodda demokratika.

---

[66] Il-Prim Imhallef Emeritu Dr Joseph Said Pullicino fil-kwalita` tieghu ta' Ombudsman Parlamentari u b'digriet tal-4 ta' April 2016 Anthony C. Mifsud assuma l-atti tal-kawza bhala Ombudsman Parlamentari minflok il-Prim Imhallef Emeritu Dr Joseph Said Pullicino v. Il-Ministru ghall-Intern u s-Sigurta` Nazzjonali u s-Sur Kevin Mahoney, Segretarju Permanenti fi hdan l-istess Ministeru. Rikors 164/15LM deċiż mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 t'Ottubru 2016

[67] Ara **Principles on the Protection and Promotion of the Ombudsman Institution ("The Venice Principles")** . Strasbourg . 2019. https://www.venice.coe.int/webforms/documents/default.aspx?pdffile=CDL-AD(2019)005-e

Minkejja li dan ir-referendum abrogattiv ma laħaqx għal ftit l-iskop tiegħu li jħassar darba għal dejjem il-kaċċa fir-rebbiegħa mil-liġi Maltija, irnexxielu joħloq dibattitu profond.

Kien hemm diversi okkażjonijiet oħra fejn din l-għodda setgħet tintuża imma l-isforzi u r-riżorsi meħtieġa huma enormi u allura probabbilment ma narawx ħafna inizjattivi ta' din ix-xorta.

Id-dritt għal referendum abrogattiv ġie introdott fl-1996 b'emendi għall-Att dwar ir-Referenda. Hemm ħtieġa ta' protezzjoni kostituzzjonali ta' dan id-dritt li hemm min hu mlebleb biex jirrestrinġieh sostanzjalment inkella biex jeliminah għal kollox.

Mhux biss. Hemm ħtieġa ukoll li dan id-dritt għal referendum abrogattiv ikun akkumpanjat mid-dritt tewmi tiegħu għal referendum proposittiv li permezz tiegħu ikun possibbli li anke b'mod posittiv tkun proposta leġislazzjoni jew inizjattiva ta' xorta oħra għall-konsiderazzjoni referendarja.

**It-tmienja u għoxrin proposta għaldaqstant hi r-referendum abrogattiv għandu jkollu protezzjoni kostituzzjonali.**

**Id-disgħa u għoxrin proposta għaldaqstant hi għandu jkun introdott fil-Kostituzzjoni d-dritt għal referendum propositiv.**

## 27. Il-linji gwida tal-Kostituzzjoni

Il-Kapitlu II tal-Kostituzzjoni huwa dikjarazzjoni ta' prinċipji. Jikkonsisti fi ħmistax-il prinċipju[68] flimkien ma dikjarazzjoni[69] li dan kollu ma tistax tmur il-Qorti dwaru.

Tul is-snin saru tlett emendi għal dan il-Kapitlu fil-Kostituzzjoni. Fl-1991 kien emendat l-artiklu 14[70] li jitkellem dwar l-ugwaljanza bejn l-irġiel u in-nisa. Fl-2011 ġie introdott artiklu 20A[71] dwar is-sehem tal-Maltin li jgħixu barra minn xtutna fil-ħajja politika, soċjali, ekonomika u kulturali tal-pajjiż. Riċentement, fl-2018 ġie aġġornat l-artiklu dwar l-ambjent billi ġiet introdotta tifsira iktar wiesgħa minn dik fil-verżjoni oriġinali tal-Kostituzzjoni.

L-artiklu 21 tal-Kostituzzjoni imbagħad jgħid b'mod ċar li dawn il-prinċipji ma tistax tmur bihom il-Qorti biex tfittex lill-Gvern jekk jonqos milli japplikahom, imma dwar hemm l-obbligu li jkunu applikati huma u jitfasslu il-liġijiet.

Fit-tfassil ta' din il-parti tal-Kostituzzjoni Malta kienet influwenzata mill-kostituzzjoni tal-Irlanda u minn dik tal-Indja. Il-provedimenti Kostituzzjonali tal-Indja f'dan il-qasam huma

[68] Artikli 7 sa 20A tal-Kostituzzjoni
[69] Artiklu 21 tal-Kostituzzjoni
[70] Att XIX tal-1991
[71] Att XX tal-2011

prattikament identiċi għal dawk Maltin. Imma l-Qorti Suprema Indjana ma jidhirx li ħadet l-attitudni li dawn l-artikli qegħdin hemm għalxejn. Qieset li dawn il-prinċipji huma fil-fatt il-kuxjenza tal-Kostituzzjoni u jissupplimentaw u jsaħħu dik il-parti tal-Kostituzzjoni li titkellem dwar id-drittijiet fundamentali.[72]

Alternattiva Demokratika jidhrilha li l-artiklu 21 tal-Kostituzzjoni għandu jkun iktar ċar. L-obbligu tal-istat li jimxi fuq il-prinċipji stabilit fil-Kapitlu II tal-Kostituzzjoni għandu jkun possibbli li dwaru immorru l-Qorti Kostituzzjonali biex Gvern ikunu imġiegħel jiċċaqlaq fid-direzzjoni li tagħti l-istess Kostituzzjoni.

Fir-Renju Unit il-Qorti Suprema aġixxiet fuq talba tal-għaqda ambjentali Client Earth[73] biex ngħataw direttivi ċari u speċifiċi lill-Gvern Ingliż dwar il-ħtieġa ta' strateġija li tindirizza l-kwalità tal-arja. L-istess ġara fl-Olanda meta l-grupp ambjentali Urgenda Foundation marret il-Qorti[74] dwar l-istrateġija biex tkun indirizzat l-bidla fil-klima.

Anke f'Malta għandu jkun possibbli li fejn l-Eżekuttiv ma jiċċaqlaqx, jiċċaqlaq bil-mod inkella jiċċaqlaq f'direzzjoni żbaljata jkun possibbli li immorru quddiem il-Qorti Kostituzzjonali biex ningħataw rimedju li jpoġġi lura lill-Eżekuttiv fit-triq it-tajba.

Dan għandu jgħodd għall-applikazzjoni tal-prinċipji kollha imsemmija fil-Kapitlu II imma prinċipalment għall-artiklu 9 li nitkellem dwar l-ambjent.

**It-tletin proposta għaldaqstant hi li l-Kapitlu II tal-Kostituzzjoni ma jibqax sempliċi dikjarazzjoni ta' prinċipji gwida imma għandu jkun possibbli għal kull ċittadin li jitlob il-protezzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali biex fejn l-Eżekuttiv ma jiċċaqlaqx, jiċċaqlaq bil-mod, inkella jiċċaqlaq f'direzzjoni żbaljata, jingħata rimedju.**

## 28. Referendum li jikkonferma

Wara li jkun hemm deċizjoni dwar it-tibdil meħtieġ għall-Kostituzzjoni, l-Kostituzzjoni ġdida jew emendata għandha tkun ippreżentata lill-poplu Maltin biex f'referendum jiddeċiedi jekk japprovax jew le it-tibdil.

**Il-wieħed u tletin proposta għaldaqstant hi li l-Kostituzzjoni ġdida jew emendata għandha tkun soġġetta għal konferma popolari permezz ta' referendum.**

---

[72] Ara Borg Tonio: A Commentary on the Constitution of Malta. Kite Group Malta 2016. pp.43

[73] Għal iktar informazzjoni ara https://www.documents.clientearth.org/wp-content/uploads/library/2015-09-17-the-uk-supreme-court-ruling-in-the-clientearth-case-consequences-and-next-steps-ce-en.pdf

[74] Ara http://climatecasechart.com/non-us-case/urgenda-foundation-v-kingdom-of-the-netherlands/ u https://www.theguardian.com/environment/2015/jun/24/dutch-government-ordered-cut-carbon-emissions-landmark-ruling

## 29. Konklużjoni

Dan id-dokument jagħti ħarsa estensiva lejn il-Kostituzzjoni bl-iskop li jagħmilha aħjar. Mhux dokument legali li jfassal l-emendi meħtieġa għall-Kostituzzjoni, iżda huwa dokument politiku li jiddiskuti dak li qiegħed iħassibna. Bħala riżultat ta' dan qed nippreżentaw wieħed u tletin proposta għal titjib fil-Kostituzzjoni.

Il-Kostituzzjoni hi tagħna lkoll. Hi għalina lkoll. Għandha tirrifletti dak li nħossu, l-valuri tagħna u fejn nixtiequ lill-pajjiżna jimxi kif ukoll kif nixtiequ narawh jitmexxa.

Nawguraw diskussjoni serja li tisma' u li twassal għal soluzzjonijiet.

## Appendiċi 1 : ġabra tal-proposti

1. L-proċess li fih jinstemgħu u jkunu mgħarbla l-argumenti u l-ideat kollha għal tibdil fil-Kostituzzjoni **għandu jkollu s-soċjetà ċivili fuq quddiem** u li l-partiti politiċi parlamentari għandhom jipparteċipaw iżda m'għandhomx ikunu fit-tmun.

2. L-proviso tal-artiklu 52 tal-Kostituzzjoni jkun emendat biex kull partit politiku li jikseb 2.5% jew iktar tal-voti validi fl-ewwel għadd tal-voti tal-elezzjoni ġenerali ikun assigurat minn rappreżentanza parlamentari li tikkorrispondi mal-voti miksuba.

3. Is-sistema elettorali għandha tkun a bażi ta' lista elettorali ippreżentata mill-partiti politiċi li tkun waħda bilanċjata bejn il-ġeneri, mhux biss bejn l-irġiel u n-nisa imma ukoll fil-konfront ta' dawk li ma jidentifikaw ruħhom la mal-irġiel u lanqas man-nisa.

4. Il-Parlament għandu jkollu tul fiss u ħadd, għajr bħala riżultat ta' proċeduri tal-istess Parlament f'ċirkustanzi straordinarji ma għandu jkun jista' jxolji l-istess Parlament inkella jwaqqaf il-ħidma tiegħu.

5. Ma jkunx permissibli għall-Membri Parlamentari li jagħmlu kwalunkwe xogħol ieħor sakemm idumu fil-ħatra. Dan għandu jgħodd mhux biss għal impjieg u/jew prattika professjonali imma ukoll għal ħatriet fuq bordijiet li ma jkunux assoċjati direttament mal-ħidma parlamentari tagħhom.

6. Dak kollu li jikkonċerna l-korpi kostituzzjonali ma jibqax responsabbilità tal-Prim Ministru imma dan jgħaddi direttament f'idejn il-Parlament.

7. Il-Parlament ikollu Kumitat Permanenti għal Affarijiet Kostituzzjonali.

8. Il-President tar-Repubblika m'għandux jibqa' jinħatar mill-Parlament waħdu imma minn kulleġġ elettorali kompost kemm mill-Membri Parlamentari kif ukoll minn rappreżentanza mill-Kunsilli Lokali.

9 Il-President tar-Repubblika, biex iħares u jiddefendi l-Kostituzzjoni kif stabilit fil-ġurament tal-ħatra, ikollu is-setgħa li, kemm-il darba jkun hemm dubju serju dwar il-kostituzzjonalità ta' xi liġi approvata mill-Parlament, jibgħat lura quddiem l-istess Parlament il-liġi in kwistjoni biex din tkun ikkunsidrata mill-ġdid.

10. Ma jkunx iktar il-Parlament li jkollu l-poter li jneħħi l-President tar-Repubblika, jekk ikun hemm raġnijiet li jiġġustifikaw dan. Dan il-poter għandu jgħaddi f'idejn il-kulleġġ elettorali li jkollu l-poter li jeleġġieh u jkun meħtieġ l-approvazzjoni ta' żewġ terzi ta' dawk kollha li jkollhom id-dritt li jivvutaw.

11. Il-Kummissjoni Elettorali ma' tibqax tinħatar fuq parir tal-Prim Ministru imma b'deċiżjoni tal-Parlament. Il-Parlament fil-ħatra tal-membri tal-Kummissjoni Elettorali m'għandux jaħtar persuni li kienu attivi fil-partiti politiċi inkella li kienu kandidati f'isimhom.

12. Il-Kummissjoni Elettorali m'għandiex tirrapporta lill-Prim Ministru imma direttament lill-ispeaker, li jippresjedi l-Parlament.

13. L-ambaxxati u l-konsolati ta' Malta għandhom jintużaw bħala ċentri tal-votazzjoni għall-Maltin li għandhom id-dritt tal-vot imma jkunu barra minn Malta waqt elezzjoni jew referendum.

14. Bħala alternattiva għall-proposta preċedenti għandu jkun possibbli li l-vot ikun eżerċitat bil-posta.

15. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku għandha tinħatar minn u tirrapporta lill-Parlament. Il-ħatra għandha preferibilment issir b'maġġoranza kkwalifikata.

16. Il-ħatra tal-Avukat Ġenerali, tal-Kummissarju tal-Pulizija u tas-Segretarji Permanenti fil-Ministeri kollha għandhom ikunu approvati mill-Parlament u li deċiżjoni dwar dan għandha tittieħed wara li jsir skrutinju pubbliku ta' dawk nominati.

17. Il-ħatriet kollha ta' Ambaxxaturi, Kummissarji għolja u Rappreżentanti Permanenti għandhom ikunu approvati mill-Parlament u li deċiżjoni dwar dan għandha tittieħed wara li jsir skrutinju pubbliku ta' dawk nominati.

18. Il-ħatriet tal-membri kollha tal-Bordijiet b'poteri eżekuttivi għandhom ikunu approvati mill-Parlament u li deċiżjoni dwar dawn għandha tittieħed wara li jsir skrutinju pubbliku ta' dawk nominati.

19. Il-ħatriet politiċi (*position of trust*) fis-settur pubbliku għandhom ikunu eċċezzjoni limitata għall-ingaġġ fis-segretarjat privat tal-Ministri u s-Segretarji Parlamentari. Il-projibizzjoni ta' dawn il-ħatriet għandha tkun imsaħħa billi jkun ċar li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku għandha ukoll l-inkarigu dwar dan.

20. L-Awtorità tax-Xandir għandha tinħatar minn u tirrapporta lill-Parlament li għandu jassigura li l-għażla ta' dawk li jmexxu l-Awtorità ma tkunx limitata għar-rappreżentanza parlamentari iżda li jkollha firxa ikbar, mhux biss politika imma ukoll fost is-soċjetà ċivili.

21. L-istazzjonijiet tar-radju u televiżjoni tal-partiti politiċi għandhom jispiċċaw.

22. Għandu jkun affermat li l-istat Malti hu wieħed lajk u għaldaqstant l-artiklu 2 tal-Kostituzzjoni għandu jkun imħassar fit-totalità tiegħu.

23. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà għandu jkun introdott fil-Kostituzzjoni ta' Malta bħala linja gwida kostituzzjonali għall-amministrazzjoni pubblika tal-pajjiż.

24. Il-ħatriet kollha tal-ġudikatura għandhom fuq perjodu ta' żmien ikunu awto-regolamentati. L-Eżekuttiv m'għandu jkollu l-ebda rwol la f'dawn il-ħatriet u l-anqas fuq l-istrutturi inkarigati biex jagħmlu l-iskrutinju.

25. L-artiklu 1 tal-Kostituzzjoni għandu jkun revedut biex ineħħi r-referenzi għall-anakroniżmi dwar in-newtralità u is-superpotenzi u jfisser aħjar kif Malta illum għandha taħdem attivament favur il-paċi, s-sigurtà u l-progress soċjali mingħajr ma tkun bażi militari.

26. Id-drittijiet diġitali jingħataw għarfien kostituzzjonali.

27. Għandhom jinħolqu proċeduri kostituzzjonali ad hoc biex bi speditezza jirriżolvu konflitti bejn l-Ombudsman jew l-Awditur Ġenerali u l-Eżekuttiv u dan biex ikun assigurat li f'kull ħin dawn jistgħu jaħdmu mingħajr l-ebda xkiel jew ostaklu.

28. Ir-referendum abrogattiv għandu jkollu protezzjoni kostituzzjonali.

29. Għandu jkun introdott fil-Kostituzzjoni d-dritt għal referendum propositiv.

30. Il-Kapitlu II tal-Kostituzzjoni ma jibqax sempliċi dikjarazzjoni ta' prinċipji gwida imma għandu jkun possibbli għal kull ċittadin li jitlob il-protezzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali biex fejn l-Eżekuttiv ma jiċċaqlaqx, jiċċaqlaq bil-mod. inkella jiċċaqlaq f'direzzjoni żbaljata, jingħata rimedju.

31. Il-Kostituzzjoni ġdida jew emendata għandha tkun soġġetta għal konferma popolari permezz ta' referendum.